**QORTI KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att. T'Akkuża Nru. 27/2022**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**ADRIAN AGIUS**

**ROBERT AGIUS**

**JAMIE VELLA**

**GEORGE DEGIORGIO**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 27 tas-sena 2022 kontra l-akkużati Adrian Agius, Robert Agius, Jamie Vella u George Degiorgio li bih huma ġew akkużati mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**Fl-Ewwel Kap:**
**Fil-konfront tal-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella**

Talli nhar it-08 ta' Ottubru 2015 għal ħabta ta-tmienja neqsin għaxar minuti ta' fil-għodu (07:50) ġewwa binja bl-isem 'Rampol Buildings' fi Triq John Borg, Birkirkara, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lill-Avukat Carmel Chircop jew li jqiegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunawlu l-mewt.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

<u>Fit-Tieni Kap:</u>
<u>Fil-konfront ta' Adrian Agius u Robert Agius</u>

Talli nhar it-08 ta' Ottubru tas-sena 2015 u fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, irrendew ruħhom kompliċi ma' terzi fid-delitt t'omiċidju volontarju, u ċioe' li dolożament bil-ħsieb li joqtlu persuna (Carmel Chircop) jew li jqiegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunawlu l-mewt. Dan id-delitt pre-meditat wettquh permezz ta' ordni li taw lil persuni oħra biex jagħmlu dan id-delitt jew ġiegħlu li dan id-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż t'awtorita' jew setgħa, inkella taw istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt, jew xewxu lil ħaddieħor inkella saħħew il-volonta' ta' ħaddieħor sabiex jagħmel dan id-delitt, jew wegħdu li wara l-fatt jassisstuh, jieqfu miegħu, jew jikkumpensawh, liema delitt t'omiċidju volontarju seħħ nhar it-08 t'Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ġewwa binja msemmija bħala 'Rampol Buildings', fi Triq John Borg, ġewwa Birkirkara għall-ħabta tat-tmienja neqsin għaxar minuti ta' fil-għodu.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati Adrian Agius u Robert Agius kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċediva.

<u>Fit-Tielet Kap:</u>
<u>Fil-konfront tal-akkużati Adrian Agius, Robert Agius, George Degiorgio u Jamie Vella</u>

Talli nhar it-08 ta' Ottubru tas-sena 2015 u fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw, għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew aktar.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati Adrian Agius, Robert Agius, George Degiorgio u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentemnt ta' diversi delitti u għalhekk l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċediva.

**Ir-Raba' Kap**
**Fil-konfront tal-akkużati Adrian Agius, Robert Agius, George Degiorgio u Jamie Vella**

Talli nhar it-08 ta' Ottubru tas-sena 2015 u fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġjonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attivita' b'mod ġenerali t'għaqda stabbilita bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' (4) snin jew aktar, ippartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti t'informazzjoni jew ta' meżżi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużati Adrian Agius, Robert Agius, George Degiorgio u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti u għalhekk l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċediva.

**Fil-Ħames Kap**
**Fil-konfront tal-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella**

Talli nhar it-08 ta' Ottubru 2015 għal ħabta ta-tmienja neqsin għaxar minuti ta' fil-għodu (07:50) ġewwa binja bl-isem 'Rampol Buildings' fi Triq John Borg, Birkirkara filwaqt li għamlu reat kontra l-persuna (l-omiċidju volontarju ta' Carmel Chircop) kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari, jew munizzjoni jew imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Fis-Sitt Kap**
**Fil-konfront ta'l-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella**

Talli nhar it-08 ta' Ottubru 2015 għal ħabta ta-tmienja neqsin għaxar minuti ta' fil-għodu (07:50) ġewwa binja bl-isem 'Rampol Buildings' fi Triq John Borg, Birkirkara kellhom fil-pussess tagħhom, taħt il-kontroll tagħhom, u ġarrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tagħhom armi tan-nar, jew munizjon elenkati fl-iSkeda II tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellhom liċenzja taħt l-istess Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

Fis-Seba' Kap
Fil-konfront ta'l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella

Talli fis-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-granet, u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer irrendew ruħhom kompliċi ma' terzi fid-delitt t'omiċidju volontarju, u ċioe' li doložament bil-ħsieb li joqtlu persuna (Daphne Caruana Galizia) jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunawlha l-mewt, u dana billi taw armi, għodod, jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tal-qtil tal-imsemmija Daphne Caruana Galizia, meta kienu jafu li kellhom hekk jiġu wżati, liema delitt t'omiċidju volontarju seħħ nhar is-sittax (16) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00).
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

Fit-Tmien Kap
Fil-konfront ta'l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella

Talli fis-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer irrendew ruħhom kompliċi fi splużjoni li setgħet tqiegħed f'perikolu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, b'dana li effettivament persuna tilfet ħajjitha, u dan billi taw armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tal-imsemmija splużjoni, meta kienu jafu li kellhom hekk jiġu wżati.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghu jiġu mibdula, l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

Fid-Disa' Kap
Fil-konfront ta'l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella

Talli fis-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer għamlu jew xjentement żammew jew kellhom għandhom jew taħt il-kontroll tagħhom xi sustanza esploživa, taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi huma għamluha, żammewha jew kienet għandhom għal ħsieb mhux leċitu.
U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**<u>Fl-Għaxar Kap</u>**
**<u>Fil-konfront tal-akkużati Robert Agius u Jamie Vella</u>**

**Talli fis-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-granet, u/jew xhur ta' qabel, ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw, jew iffinanzjaw għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' (4) snin jew aktar.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.**

**<u>Fil-Ħdax-il Kap</u>**
**<u>Fil-konfront ta' l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella</u>**

**Talli fis-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-granet, u/jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġjonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attivita' b'mod ġenerali t'għaqda stabbilita bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' (4) snin jew aktar, ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti t'informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda.**
**U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi ma jistghux jiġu mibdula, l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.**

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Adrian Agius, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u Lista tad-Dokumenti ippreżentati fl-01 ta' Novembru 2022[1].

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Robert Agius, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u Lista tad-Dokumenti ippreżentati fl-01 ta' Novembru 2022[2].

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Jamie Vella, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u Lista tad-Dokumenti ippreżentati fl-04 ta' Novembru 2022[3].

[1] Fols. 90 sa 96 tal-atti.
[2] Fols. 98 sa 104 tal-atti.
[3] Fols. 106 sa 112 tal-atti.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat George Degiorgio, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u Lista tad-Dokumenti ippreżentati fl-04 ta' Jannar 2023[4].

Rat in-nota ta'l-Avukat Ġenerali tas-07 ta' Novembru 2022 magħmula fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali, li permezz tagħha ta avviż dwar ammissibilita' tax-xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat Robert Agius fil-Lista tax-Xhieda u il-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu[5].

Rat in-nota ta'l-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2022 magħmula fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali, li permezz tagħha ta avviż dwar ammissibilita' tax-xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat Jamie Vella fil-Lista tax-Xhieda u il-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu[6].

Rat in-nota ta'l-Avukat Ġenerali tad-09 ta' Jannar 2023 magħmula fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali, li permezz tagħha ta avviż dwar ammissibilita' tax-xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat George Degiorgio fil-Lista tax-Xhieda u il-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu[7]

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-akkużat Jamie Vella, fejn kienet mitluba ir-rikuża tal-Imħallef sedenti, kienet miċħuda.

Semgħet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

---

[4] Fols. 244 sa 246 tal-atti.
[5] Fols. 131 u 132 tal-atti.
[6] Fols. 222 u 223 tal-atti.
[7] Fols.249 u 250 tal-atti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużati iressqu diversi eċċezzjonijiet kollha diretti biex jattakkaw l-atti kumpilatorji, ix-xiehda u dokumenti hemmhekk kontenuti, kif ukoll li jattakkaw l-Att ta'l-Akkuża ppreżentata mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Illi uħud minn dawn l-eċċezzjonijiet huma komuni għall-erba' akkużati u għalhekk il-Qorti ser tikkunsidrahom flimkien u dan skont l-ordni li fihom kienu ppreżentati.

A. **<u>L-Eċċezzjoni ndikata bin-numru 1 fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tal-akkużati Adrian u Robert Agius u l-eċċezzjoni ndikata bin-numru 2 fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Jamie Vella:</u>**

Din l-eċċezzjoni titratta oġġezzjoni għall-użu tal-laqam "tal-Maksar" kemm fl-atti kumpilatorji kif ukoll fl-Att ta'l-Akkuża, liema laqam jirreferi għall-akkużati Adrian u Robert Agius. Id-difiża ta'l-akkużati Agius u Vella tikkontendi illi l-użu ta'l-istess jista' joħloq preġudizzju għall-imsemmija akkużati billi dan jista' jwassal lill-ġurija tassoċjahom ma' membri tal-familja Agius li huma notorji fil-qasam tal-kriminalita'. Illi għalkemm f'ebda parti mill-Att ta'l-Akkuża ma jidher illi l-isem tal-akkużat Jamie Vella huwa assoċjat mal-laqam "Tal-Maksar", huwa xortawaħda joġġezzjona li b'xi mod ismu jkun assimilat ma' dan il-laqam u dan ukoll għaliex tali assoċjazzjoni tista' toħloq preġudizzju kontra tiegħu f'moħħ il-ġurati.

L-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu isostni illi l-użu tal-laqam huwa stat ta' fatt li jagħmel prova dwar l-identifikazzjoni tal-akkużati wkoll għaliex uħud mix-xhieda jagħmlu referenza għalihom bil-laqam, liema laqam mhuwiex denigratorju jew deskrittiv b'tali mod li jista' jitfa' xi dell ikrah fuq l-imsemmija akkużati. Jakkampa favur tiegħu dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kaz *Ir-Repubblika ta' Malta vs George Mifsud* fejn kien hekk deċiż:

**"L-uzu ta' laqam - fenomenu pjuttost komuni f'Malta mhux biss fost il-generazzjonijiet li ghaddew imma anke fost il-generazzjoni li tiela' - fi proceduri kriminali jista' jkun importanti mhux biss fil-kaz fejn xhud ma jkunx jaf id-dettalji ta' l-isem u l-kunjom ta' l-akkuzat jew ta' xi xhud iehor, izda anke f'kazijiet fejn ikun jaf dawn id-dettalji. Ir-raguni hija ovvja, anke ghaliex l-uzu ta' jew ir-referenza ghal, laqam jista' jintuza bhala punt ta' referenza fir-rigward ta' deposizzjonijiet ohra fejn ix-xhud ma jkunx jaf dawk id-dettalji"[8].**

Illi jibda biex jingħad illi minn imkien la fil-parti narrattiva u lanqas fil-parti akkużatorja ta' kull kap ta'l-Att ta'l-Akkuża ma jiġi abbinat il-laqam "Tal-Maksar" mal-figura tal-imputat Jamie Vella sabiex b'hekk il-Qorti tonqos milli tifhem ir-raġuni għal oġġezzjoni ventilata minn dan l-akkużat.

Il-laqam, almenu lokalment, f'certi klassijiet socjali, jintuża sabiex jirreferi għal xi individwu liema laqam neċessarjament jvarja fl-istruttura mill-isem formali assoċjat ma' dak l-individwu. Jista' jirreferi għar-raħal tal-familja oriġinarja tiegħu, jew għas-sengħa abitwali tiegħu jew tal-familja tiegħu, jew ikun xi isem bla sinifikat, jew xi nom li jirreferi għal xi fattizzi, karatteristiċi jew difett tal-individwu. Il-laqam, għalhekk, kif ġustament jikkontendi l-Avukat Ġenerali, iservi bħala identifikazzjoni u dan għaliex kultant huwa eħfef li ssir referenza għal xi ħadd b'ta' min isejħulu milli b'ismu u kunjomu. Dak li trid tqies il-Qorti f'dan il-każ, madanakollu, huwa jekk bl-użu tal-laqam "tal-Maksar" waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri jistax jinħoloq xi forma ta' preġudizzju kontra l-akkużati jew xi wieħed minnhom f'moħħ il-ġurati u dan għaliex tali forma ta' identifikazzjoni torbothom ma' ċirku ta' nies li jista' fil-passat kellhom xi fama kriminuża.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji dak li trid tħares il-Qorti huwa li l-użu tal-laqam waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jserviex sabiex b'xi mod, direttament jew indirettament, jorbot ma' xi passat refrattarju jew kriminuż ta'l-akkużati. Jekk javveraw rwieħhom tali ċirkostanzi, allura, tkun qed issir referenza b'mod indirett għal anteċedenti penali tal-akkużati, liema referenza hija

[8] 05/02/1996

pprojbita bil-liġi, ħlief jekk jikkonkorru ċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikoli 459A u 489 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi għalhekk huwa indubitat illi, salv għal dak li jipprovdi l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali, waqt il-guri m'għandhomx jissemmew l-anteċedenti penali ta'l-persuna akkużata kif lanqas għandha issir referenza għal karattru ħażin tiegħu jew xi każijiet li huwa seta' kellu jew għandu pendenti fil-konfront tiegħu, u l-Imħallef togat għandu jagħti direzzjoni f'dan is-sens matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.
Issa għalkemm l-akkużati aħwa Agius, u ukoll Jamie Vella, jressqu din l-oġġezzjoni, madanakollu ma jindikawx lil Qorti fejn dan il-laqam kien marbut ma' imġieba kriminali li b'xi mod jitfa' dell ikrah fuqhom, għajr li jsemmu l-fatt illi missier l-aħwa Agius, Raymond Agius, kien vittma f'każ ta' omiċidju xi snin ilu. Huwa minnu ukoll, **iżda**, li kull rappurtaġġ li seħħ fil-*media* u l-gażżetti marbut ma' dan il-każ jirreferu għaż-żewġ akkużati Adrian u Robert Agius bil-laqam tagħhom, li jidher huwa il-laqam tal-familja u tan-negozju tagħhom. Illi allura f'dan ix-xenarju lokali il-Qorti tqies illi llum il-laqam "tal-Maksar" huwa notorju u jista' jkun assoċjat ma' imġieba krimimuża, u li mhux biss tista' tkun attribwibbli lill-akkużati aħwa Agius, iżda anke lill-ko-akkużati l-oħra li huma mixlija bir-reat ta'l-assoċjazzjoni kriminuża ma' Adrian u Robert Agius. Għaldaqstant, sabiex ma jkun ebda biża' li l-akkużati kollha jsofru minn xi preġudizzju, ikun għaqli illi l-indikazzjoni tal-laqam ta'l-aħwa Agius bħala "tal-Maksar" kull fejn tirrikorri fl-Att ta'l-Akkuża titħassar, ukoll għaliex il-kwalifika ta' isimhom u kunjomhom b'dan il-laqam ma hu ser ibiddel xejn mill-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta'l-akkuża[9] u bil-konsegwenzjali xilja tagħhom bir-reati lilhom addebitati fil-parti akkużatorja.

[9] Ara sentenza Ir-Repubblika vs Rio Micallef et deċiża 11.02.2015 QK: "*Rigward il-laqmijiet fl-att tal-akkuza, ikun prudenti illi dawn jigu mnehhija peress illi jistghu jservu bhala punt ta' riferenza ghal xi passat tal-akkuzat imxandar fuq il-mezzi tal-media u dan jista' jikkondizzjona lill-gurati bi pregudizzju ghall-akkuzat.*"

Illi fir-rigward ta' tali referenza fl-atti kumpilatorji, jiġi rilevat illi x-xhieda kollha li ddeponew tul il-kumpilazzjoni ser jerġgħu jiddeponu mill-ġdid fil-ġuri, b'dan għalhekk illi l-Prosekuzzjoni fl-eżami tax-xhieda ma għandhiex tqiegħed il-mistoqsija dwar il-laqam li bih huma magħrufa l-aħwa Agius, għalkemm il-Qorti ma jistax ikollha kontroll fuq dak li ser itennu x-xhieda u jekk huma jagħmlux referenza għal dawn l-akkużati bil-laqam tagħhom. Kwindi għalkemm il-Qorti ser tordna li ssir il-korrezzjoni fl-Att ta'l-Akkuża, madanakollu mhijiex ser tordna korrezzjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni kull fejn jirrikorri dan il-laqam, b'dan madanakollu illi jekk il-ġurati jiġu mgħoddija kopja ta' dokumenti jew xiehda mill-atti tal-kumpilazzjoni, kull referenza għal laqam għandha tiġi imħassar preventivament.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużati Robert u Adrian Agius, kif ukoll tilqa' parzjalment t-tieni eċċezzjoni tal-akkużat Jamie Vella fis-sens hawn fuq deċiż.

**B. <u>It-tieni (2) eċċezzjoni imressqa mill-akkużati Adrian u Robert Agius – "Li jiġi żgurat li sal-mument li jingħata il-verdett mill-ġurija, ma ssir ebda referenza għall-sentenżi passati fl-konfront tal-eċċipjenti, hekk kif imsemmija fl-partijiet narrativi u akkużatorji ta' kull kap ta' akkuża konċernanti l-eċċipjenti kif ukoll kwalunkwe referenza għall-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex jiġi rispekkjat il-vot tal-artikolu 489 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta."</u>**

Illi il-Qorti tqies din l-eċċezzjoni pjuttost superfluwa u dan għaliex matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jistgħux jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurija xi antecedenti penali tal-persuna akkużata kif lanqas jista' jinġieb a konjizzjoni tagħhom l-addebitu tar-reċidiva, bil-ġudizzju dwar l-istess jiġi mħolli f'idejhom **biss <u>wara</u>** li jingħata l-verdett fuq l-akkużi migjuba 'il quddiem fl-Att ta'l-Akkuza, u dan f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Tant hu hekk illi, b'rispett lejn il-vot tal-liġi, fil-ftuħ tal-ġuri meta l-Att ta'l-Akkuża tinqara lil ġurati mid-Deputat Reġistratur, il-kopja li tingħatalhom ma jkunx fiha l-aħħar parti kemm tan-narrattiva kif ukoll tal-akkuża fejn ikun hemm indikati l-artikoli

tal-liġi li jistabbilixxu r-reat u l-piena erogabbli, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva, b'din il-parti għalhekk lanqas tinqara lilhom.

Jikkonsewgi illi kull kwistjoni jew prova ta' fatt marbut ma' dan l-addebitu jkun imressaq għad-deċiżjoni tal-ġurati **wara** li jingħata il-verdett li neċessarjament irid ikun wieħed ta' ħtija, sabiex b'hekk wara li jitressqu provi fir-rigward, u mbagħad jiġu iggwidati mill-Imħallef li jkun qed jippresjedi l-ġuri, huma jindirizzaw dina l-akkuża finali.

Fil-fatt l-artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> **"Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m'għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta' dan l-aħħar reat."**

Il-Qorti tagħmel referenza ghall-insenjament tramandat fil-provvediment li tat il-Qorti Kriminali fis-27 ta' April 2009 fil-kawza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr*** fejn ingħad hekk:

> **"Id-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat, stante li kif jiddisponi l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat. In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara sottomissjonijiet mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w "inter alia" jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza."**

Illi l-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u għalhekk kwalunkwe referenza għas-sentenzi passati kemm fil-parti narrattiva, kif ukoll fil-parti akkużatorja, abbinat ma'l-indikazzjoni għall-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati, ħlief wara li jingħata il-verdett u f'każ li dan ikun wieħed ta' ħtija, kif ingħad. Kwindi l-qorti tilqa' din l-eċċezzjoni fis-sens hawn fuq deċiż.

C. **<u>It-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-akkużat Adrian Agius li jikkonċernaw l-ammissibbilita' ta'l-istqarrijiet minnu rilaxxati lil pulizija, kif ukoll l-inammissibbilita' ta' dawk il-partijiet tax-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud li jagħmlu referenza għal dawn l-istqarrijiet u finalment it-traskrizzjoni ta' din l-istqarrija magħmula mit-traskrittirċi nominata mill-Qorti, Dr. Veronica Spiteri.</u>**

L-akkużat Adrian Agius huwa mixli unikament bil-kompliċita' fil-qtil ta'l-Avukat Carmel Chircop, kif ukoll bil-promozzjoni u/jew parteċipazzjoni f'għaqda krimimuża imwaqqfa bil-għan li jsir l-imsemmi delitt. Dan qed jiġi puntwaliżżat għaliex il-Hdax-il Kap kontenuti fl-Att ta'l-Akkuża mressqa kontra l-aħwa Agius, kif ukoll kontra l-akkużati George Degiorgio u Jamie Vella jinkorporaw fihom diversi reati naxxenti minn żewġ omiċidji, u ċioe' dak ta'l-Avukat Carmel Chircop u tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Issa l-ewwel darba li l-akkużat Adrian Agius kien arrestat b'rabta ma' dan l-omiċidju tal-avukat Chircop seħħ fis-sena 2015 meta f'dak iż-żmien huwa ġie interrogat mill-investigaturi u rrilaxxja stqarrija. Qabel irrilaxxja din l-istqarrija huwa kien mogħti id-drittijiet viġenti f'dak iż-żmien lil persuni suspettati bil-kummissjoni ta' reat, u ċioe' li jikkonferixxi ma' avukat tal-fiduċja tiegħu għal madwar siegħa, mingħajr allura d-dritt li jkollu l-avukat preżenti flimkien miegħu matul it-teħid tal-istess. L-akkużat Adrian Agius dak in-nhar kien irrifjuta jeżerċita dan il-jedd, għalkemm wieħed limitat, u rrilaxxja l-istqarrija tiegħu mingħajr ma kellu avukat preżenti.

Illi l-akkużat essenzjalment iressaq erba' ilmenti marbuta ma' dak li jipperċepixxi bħala nuqqas li huwa vjolattiv tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

Jitlob li tkun imwarrba id-dikjarazzjoni minnu magħmul fejn irrifjuta il-parir legali qabel ma kien interrogat[10], li tkun imwarrba l-istqarrija sussegwentment irrilaxxjata minnu[11], flimkien mat-traskrizzjoni ta'l-istess[12] u finalment li jkunu konsegwentement imwarrba dawk is-siltiet mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud fejn issir referenza għal din l-istqarrija. Jikkontendi illi din l-evidenza għandha titwarrab mhux biss għaliex hija vjolattiva tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta seta' għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji mingħajr ma kellu difiża adegwata, iżda ukoll għaliex lanqas ingħata d-dritt ta' aċċess għall-evidenza materjali li kellha f'idejha il-pulizija sa dak il-mument qabel ma ġie interrogat. Dan mhux biss imur kontra l-prinċipju tal-parita' tal-armi, iżda ukoll kontra s-saltna tad-dritt, meta il-jedd illi huwa jingħata dan id-*disclosure* kien jifforma parti mil-qafas leġislattiv tal-pajjiż.

Illi l-artikolu 534AF[13] daħal fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal-Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, għalkemm in-nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni li tgħaddi informazzjoni preventivament lill-akkużat dwar kull evidenza materjali li għandha f'idejha u li se tintuża fil-proċess ġudizzjarju intavolata kontrih jista' jwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal

[10] Dokument KA2 a fol. 178 tal-atti kumpilatorji datat 11 ta' Ottubru 2015

[11] Dokument KA6, CD kontenenti stqarrija awdjo-viżwali datata 12 ta' Ottubru 2015

[12] Dokument VS1 Volume 4 tal-atti kumpilatorji

[13] (2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.
(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

smigħ xieraq billi imbagħad ma jkunx jista' jiddefendi ruħu sew kontra l-akkużi lilu addebitati, madanakollu dan in-nuqqas, jekk jirriżulta, ma jwassalx għall-inammissibbilita' ta'l-istqarrija sussegwentement irrilaxxjata bħala evidenza fil-każ, ukoll għaliex huwa biss meta jiġi determinat finalment il-proċess gudizzjarju kollu jista' jkun stabbilit illi tali nuqqas seta' wassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant u mhux qabel.

Issa minn dak li jemerġi mill-atti kumpilatorji jirriżulta illi wara li l-akkużat Adrian Agius kien interrogat lura fit-12 ta' Ottubru 2015, huwa ma ġiex mixli bl-omiċidju ta'l-avukat Chircop, għaliex, f'dak iż-żmien, il-pulizija ma kellhiex biżżejjed evidenza biex tkun tista' tibni il-każ kontra tiegħu fil-qorti. Kwindi jidher illi l-investigaturi ma kellhom ebda evidenza materjali sa dak l-istadju li seta' jwassal għal prosekuzjoni tar-reat[14]. Din l-evidenza materjali jidher li inkisbet snin wara, tant illi l-akkużat ġie imressaq il-qorti mixli b'dan l-omiċidju 'il fuq minn ħames snin wara l-ewwel stqarrija tat-12 ta' Ottubru 2015. Dan magħdud, huwa indubitat illi llum l-akkużat għandu f'idejh l-evidenza materjali kollha li fuqha huwa imsejjes il-każ tal-Prosekuzjoni sabiex b'hekk hemm adeżjoni ma' dak dispost fl-artikolu 534AF(3) meta jingħad:

> **Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.**

Fejn fis-sub-inċiż (1) u (2), imbagħad, hemm dispost illi:

> **(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.**
> **(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi**

[14] Ara xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud – atti tal-kumpilazzjoni Volum 1 a fols. 123 u 124.

**salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.**

Illi minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi huwa evidenti illi d-dritt tal-aċċess għal evidenza materjali tal-każ fil-mument tal-arrest huwa meħtieġ sabiex jkun jista jiġi ssindikat l-legalita' o meno ta' dak l-arrest mis-suspettat, b'dan id-dritt imbagħad jingħata lil persuna akkużata tal-inqas mas-sottomissjonijiet fil-mertu tal-kawża. Dan ifisser illi l-akkużat, li ma baqax taħt arrest, iżda kien irrilaxxjat la kellu bżonn jissindika l-legalita' ta' dik id-detenzjoni u wisq anqas kellu bżonn iħejji d-difiża tiegħu, bl-evidenza materjali tkun mgħoddija lilu mbagħad meta huwa eventwalment ġie mixli bil-qtil tal-avukat Chircop sitt snin wara. Mhux biss, iżda, minn analiżi ta'l-istqarrija eżebita in atti jirriżulta mhux biss illi l-akkużat Adrian Agius irrinunzja għall-assistenza ta'l-avukat minn jeddu meta stqarr illi dan għamlu għax ma kellux bżonn avukat[15], iżda mill-mistoqsijiet li bdew isirulu jidher illi l-interrogatur kien diġa tkellem miegħu il-ġurnata ta' qabel wara nofs in-nhar, u allura qabel seħħ l-interrogatorju u spjegalu dak li kien qed jemerġi mill-investigazzjoni fir-rigward tal-allegat bejgħ u xiri tal-maħżen ġewwa Ħal Qormi fejn kien involut il-vittma, u ċertu Ryan Schembri, bl-akkużat jiggarantixxi f'isem Schembri l-ħlas tal-prezz tal-akkwist bi proprjeta immobbli appartenenti lilu. Kwindi l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv la fattwali u lanqas legali li jista' jwassalha tiddikjara din il-prova inammissibbli għal dan il-motiv.

Illi llum l-evidenza kollha materjali li l-Pulizija kellha f'idejha ġiet imressqa fil-kors tal-Istruttorja sabiex b'hekk din tinsab f'idejn l-akkużat sal-mument meta ser isiru s-sottomissjonijiet fil-mertu fil-kors tal-ġuri. Illi s-sentenza *Macklin (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent)* tas-16 ta' Diċembru 2015, kien deċiż:

> ***"As the European Court of Human Rights explained in Edwards v United Kingdom (1992) 15 EHRR 417, the question whether a failure of disclosure has resulted in a breach of article 6(1) has to be considered in the light of the proceedings as a whole, including the decisions of***

[15] Fol.1790 volume 4 tal-atti kumpilatorji

***<u>appellate courts</u>. This means that the question has to be approached in two stages. First, it is necessary to decide whether the prosecution authorities failed to disclose to the defence all material evidence for or against the accused, in circumstances in which a failure to do so would result in a violation of article 6(1). If so, the question which then arises is whether the defect in the trial proceedings was remedied by the subsequent procedure before the appellate court"***

Illi allura anke jekk, *gratia argomenti,* din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-akkużat fl-ilment minnu imressaq, huwa prematur għalih illi jitlob li l-prova magħmula bl-istqarrija tiegħu tkun imwarrba minħabba leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, jew minħabba ksur tal-prinċipju tal-parita ta'l-armi. Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

L-akkużat, imbagħad, iqanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita' tal-istqarrija tiegħu u tad-dikjarazzjoni iffirmata minnu dwar ir-rifjut għal parir legali qabel l-interrogazzjoni, għar-raġuni illi huwa kien imċaħħad mill-jedd li ikollu avukat preżenti miegħu waqt it-teħid ta' din l-istqarrija, u ċioe' l-istqarrija rilaxxata fit-12 ta' Ottubru 2015. Fil-fehma tiegħu dan jista' isarraf fi preġudizzju għalih matul il-proċess penali billi seta' għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji f'mument meta ma kellux jedd għal assistenza legali xierqa u adegwata, bil-liġi dak iż-żmien iċaħħdu mill-jedd li ikollu avukat preżenti miegħu waqt li kien qed jiġi interrogat.

Illi il-posizzjoni legali dwar l-ammissibbilita' bħala prova ta' l-istqarrija tal-persuna akkużata meta din ġiet irrilaxxata mingħajr ma dik il-persuna kellha il-jedd ikollha avukat preżenti magħha, llum hija kristalizżata bis-sentenzi illi ġew mogħtija reċentement kemm mill-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fejn kien superjorment deċiż illi l-kwistjoni dwar l-ammissibilita' o meno ta' din l-evidenza għandha tkun mistħarrġa biss mill-ottika tal-proċeduri penali fl-intier tagħhom, u ma tistax tiġi determinata f'dan l-istadju bikri meta għadu jrid jiġi iċċelebrat il-ġuri.

Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali

proċedurali li tirrendiehom inammissibbli, għalkemm sal-mument li ngħataw id-deċiżjonijiet fil-kawzi quddiem il-QEDB ta' *Beuze vs il-Belgju, Farrugia vs Malta, Stephens vs Malta*, u oħrajn fuq l-istess linja ta' ħsieb, il-qrati tagħna kienu qed japplikaw din ir-regola esklużjonarja għal dawk l-istqarrijiet fejn is-suspettat ma kellu ebda forma ta' assistenza legali, u dan in sewgitu għas-sentenza tal-QEDB *Borg vs Malta.*

Illi kien hekk deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fuq dan il-punt kontrovers:

> **"16. "Farrugia vs Malta" (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "Stephens vs Malta" (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi '*systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing*'. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u wkoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom.**
>
> **17. Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:**
>
>> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***
>
> **18. Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti huwa bil-wisq evidenti li dan it-test qatt ma jista' jkun superat billi ma hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-akkużat, illum appellat, kellu jkun imċaħħad minn dan il-jedd, għajr għal fatt illi dan id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju kien kompletament assenti fil-liġi f'dak iż-żmien.**
>
> **19. Madanakollu dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inammissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ**

**jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-*'overall fairness'* tal-proċeduri jinneċċesita stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti. Il-QEDB fasslet lista mhux eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:**

> (a) ***whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;***
>
> (b) ***the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;***
>
> (c) ***whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;***
>
> (d) ***the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***
>
> (e) ***where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***
>
> (f) ***in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***
>
> (g) ***the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***
>
> (h) ***whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***
>
> (i) ***the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***
>
> (j) ***other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).***

**20. Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari. Iżda din il-Qorti hija tal-fehma illi fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalHa evidenti, f'dan l-istadju, li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju**

**lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.[16]"**

Fl-aħħar deċizjonijiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, l-qrati ta' kompetenza penali qed jingħataw din id-direzzjoni:

> **"10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.**
>
> **11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. ....**
>
> **13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, Martin Dimech v. Malta tat-2 ta' April 2015 u Tyrone Fenech et v. Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.**
>
> **14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea: "applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the**

[16] Ir-Repubblika vs Jesmond Vella, ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Zarb et, the Republic of Malta vs Omar Bah, the Republic of Malta vs Kayode Kole Ogunleye deċiżi 04/10/2023, fost oħrajn

**event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 1 and 4 of the Convention, for non exhaustion of domestic remedies"**

**15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.**

**16. <u>Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha[17].</u> Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.**

**17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.**

**18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.**

**19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.**

[17] Sottolinjar tal-Qorti

**20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju. tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.**

**21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ Carmel Camilleri v. Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:**

> ***«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »***

**22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza Roderick Castillo v. Avukat Generali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:**
**"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara flistadju tal-appell"[18]**

F'sentenza oħra mogħtija fl-istess jum ingħad similment:

**10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat**

---

[18] Emmanuel Spagnol vs Avukat Generali et – Qorti Kostituzzjonali – 31/05/2023

**ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.**[19]

Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet ir-*Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello* deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023 il-Qorti Kostituzzjonali spjegat hekk il-posizzjoni minnha meħuda dwar it-twarrib ta' din l-evidenza mill-atti:

> **24. Hu minnu li hemm sentenzi fejn din il-Qorti rrakkomandat jew ordnat li titneħħa l-istqarrija li jkun ta l-akkużat fl-istadju qabel ikun tressaq il-Qorti. Rimedju jingħata fejn qorti tkun sabet ksur ta' jedd fundamentali jew x'aktarx ksur tiegħu. Però dik ir-rakkomandazzjoni jew ordni ssir biss biex kemm jista' jkun tkun evitata l-possibbiltà li b'xi mod ikun imptappan il-proċess kriminali, u għalhekk *ex abundanti cautela*. Rakkomandazzjoni jew ordni li mhumiex rimedju per se ġialadarba m'hemmx dikjarazzjoni li seħħ ksur jew x'aktarx iseħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Għalhekk l-argument tar-rikorrent li b'dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2021, qiegħed joħloq inċertezza legali minħabba dak li ddeċidiet din il-Qorti fl-istess jum fl-appell Morgan Onuorah v. L-Avukat tal-Istat (176/2019) hu skorrett. Fiċ-ċirkostanzi l-fatt li tkun saret rakkomandazzjoni jew ingħatat ordni simili ma jfissirx li hekk għandu jibqa' jsir u li jekk ma jsirx hekk ikun ifisser li m'hemmx ċertezza legali. Hu x'inhu kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. M'hemmx dubju li meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha s-sentenza talQorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2021, ma kisritx il-jedd fundamentali ta' Militello għal smigħ xieraq u lanqas ma jista' jingħad li x'aktarx ser tikser dak l-istess jedd. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat gwida lill-Qorti Kriminali dwar kif għandha tipproċedi sabiex anzi jiġi aċċertat li ma jkun hemm l-ebda periklu ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għal dak li jikkonċerna l-istqarrija li ta l-akkużat.**

Illi l-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn ma' din il-linja issa addottata mill-ġurisprudenza kemm penali kif ukoll Kostituzjonali u Konvenzjonali. Jibda biex jingħad illi l-akkużat stess meta mistoqsi jekk xtaqx jieħu parir minn għand avukat qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2015 kien ċar fix-xewqat tiegħu meta qal *verabtim* lill-investigatur: "***ghedtlek li m'ghandiex għalfejn***." L-istqarrija sussegwentment irrilaxxata ma hijiex inkriminatorja, tant illi ma kenitx abbażi ta' din l-evidenza li ittieħdu passi kriminali kontra l-akkużat Adrian Agius bil-Prosekuzjoni tixlieh bil-kummissjoni tar-reat sitt snin wara abbażi ta' evidenza ġdida minnha miksuba. Ġaldarba għalhekk il-prova magħmula permezz ta'l-istqarrija

[19] Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – Qorti Kostituzzjonali – 31/05/2023

rilaxxata mill-akkużat Adrian Agius hija prova ammissibbli f'dan l-istadju, kwindi lanqas it-talba tiegħu għall-isfilz tat-traskrizzjoni ta'l-istess magħmula mill-avukat Veronica Spiteri[20], u ta' dawk is-siltiet mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud fejn issir referenza għal din l-istqarrija ma għandhom jkunu imwarrba. Għaldaqstant għal motivi kollha hawn fuq miġjuba l-eċċezzjonijiet tal-akkużat Adrian Agius li jġibu n-numri 3, 4, 5 u 6 qed ikunu miċħuda.

D. **L-Eċċezzjonijiet numri 7, 8 u 9 tal-akkużat Adrian Agius, l-eċċezzjoni numru 3, 4 u 5 tal-akkużat Robert Agius, l-eċċezzjonijiet bin-numri 3, 4 u 5 tal-akkużat Jamie Vella, u l-ewwel parti mill-eċċezzjoni bin-numru 1 tal-akkużat George Degiorgio – l-isfilz mill-atti kumpilatorji ta' dawk il-partijiet tat-testimonjanza tax-xhud is-supretendent Keith Arnaud (a.fol.109 et.seq.), tax-xhud ExPS1152 Manuel Saliba (fol.943 et.seq.), u ta' Ex PC501 Duncan Dimech, fejn saret referenza għal filmati estratti minn CCTV cameras b'relazzjoni mal-omiċidju tal-avukat Carmel Chircop u kwalsiasi stills minnhom meħuda, inkluż għalhekk id-dokument immarkat bħala dok. KA1 u dan billi s-sidien nfushom tal-postijiet minn fejn ġew elevati l-filmati la nġiebu biex jixhdu u wisq anqas ġew imniżżla fil-lista tax-xhieda illi l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq 'il quddiem waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u kwindi kull riferenza li fl-atti proċesswali saret għal dawn il-filmati tammonta biss għal *documentary hearsay evidence.***

Illi fil-kors ta-xiehda tagħhom quddiem l-Istruttur, l-Uffiċjal Investigattiv Supretendent Keith Arnaud[21] flimkien mas-Surġent 1152 Manuel Saliba[22], kif ukoll il-kuntistabbli PC501 Duncan Dimech[23] igħidu li ġabru numru ta' filmati minn *cameras* tas-sigurta' (CCTV) bil-għan li jkun stabbilit x'ġara dakinhar tal-omiċidju ta'l-avukat Carmel Chircop. Permezz ta' dawn il-filmati miġbuda mill-*cameras* elevati ġiet stabbilita r-rotta li segwiet il-vettura li ntużat mill-malviventi f'dan l-omiċidju. Illi fil-kors tax-xiehda tiegħu, x-xhud

[20] Dokument VS1 jinsab fis-segwenti folios tal-atti tal-kumpilazzjoni:

- L-ewwel parti tat-traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Adrian Agius tinsab f'Volum 4 minn fol. 1788 sa 1801 tal-atti tal-kumpilazzjoni; u
- It-tieni parti tat-traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Adrian Agius tinsab f'Volum 4 minn fol. 1650 sa 1691 tal-atti tal-kumpilazzjoni

[21] Ara xiehda Volum 1 fols. 112 sa 115
[22] Ara xiehda Volum 3 a fols 943 u 944
[23] Ara xiehda Volum 4 a fol.1535

Supretendent Keith Arnaud ippreżenta **Dok. KA1**[24] konsistenti f'*timeline* minnu imħejji b' *screenshots* li ttieħdu mill-filmati miġbura mill-cameras tas-sigurta' li nġabru fil-kors ta'l-investigazzjoni.

Illi dwar eċċezzjoni simili kien hekk deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fis-sentenza *the Republic of Malta vs Daniel Muka*:

> **"18. It must be pointed out that the evidence being contested by the defence amounts to what at law is known as 'real' evidence, as opposed to documentary evidence or testimonial or direct evidence. Real evidence is often much more reliable than testimonial evidence because it is harder to dispute or fake.**
>
> **19. In his book Cross, On Evidence (6th edition) gives a detailed definition of what amounts to real evidence:**
>
> > ***'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions <u>on the basis of its own perception</u> and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...***
>
> **20. The author Murphy, in his book 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) defines' 'Real evidence' as (fol. 7):**
>
> > ***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...***
> >
> > ***'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of***

[24] Ara Vol 1 tal-atti kumpilatorji a fols. 168 sa 177

*its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

*.......*

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

**21. Now it is debatable whether the rule regarding hearsay can apply to real evidence, especially in those instances where it is not the product of human intervention, like for example inputting information into a computer, thus requiring human input for the completion of the exercise and the resulting information or data extracted from this piece of real evidence. The same, however, cannot be said for footages emanating from a closed-circuit camera, the inputting of information not necessitating any form of human intervention. Human intervention in this context means that such material has passed through a human mind and is simply reflective of human input. Footages or digital images captured by a surveillance camera do not necessitate any form of human intervention and consequently if the data is retrieved by the court appointed experts, it is not plausible and highly unlikely that such evidence can amount to hearsay. However, its provenance and authenticity must be established, as must any other material requirement normally associated with real evidence, such as relevance or probative value of the same. Ultimately, as the Criminal Court rightly points out, as with any piece of admissible evidence, its weight, value and credibility are matters for the jury to decide and not *a priori* for the trial judge at this stage of the proceedings, such evidence being relevant and having probative force.[25]"**

Illi espost dan l-insenjament ġurisprudenzjali huwa evidenti illi dak li l-akkużati qed ifittxu biex jattakkaw mhijiex daqstant l-ammissibbilita' ta' din l-evidenza, iżda l-valur probatorju tagħha, u dan għaliex jikkontendu illi ġaldarba ma jistax ikun stabbilit l-awtentiċita' ta' l-evidenza dokumentarja in eżami kwindi din titlef is-saħħa tagħha u jkun perikoluż għal ġurati li jistrieħu fuqha. Illi, kif ingħad fis-sentenza hawn fuq iċċitata, hija l-ġurija

[25] Deċiża 26 ta' April 2023

popolari, debitament iggwidata mill-Imħallef togat illi trid tiddeċiedi dwar il-valur probatorju ta' dik l-evidenza marbuta mal-fatti tal-każ u ma tistax din il-Qorti f'dan l-istadju a prioristikament twarrab evidenza li hija rilevanti għal *facts in issue.* Matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, imbagħad, id-difiża ser ikollha kull opportunita' tikkontrolla din l-evidenza, sabiex l-awtentiċita' u s-saħħa probatorja tagħha tista' tkun mistħarrġa.

> **"Fil-ktieb ta' HARRIS, O'BOYLE, BATES & BUCKELY intitolat "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxfrod University Press, 2014; pp. 418–419) 5 jinghad hekk: "In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based. The Schenk case was applied in Khan v. UK, in which again no breach of Article 6 was found. There, a conversation between the applicant and X on the latter's premises has been recorded by an electronic listening device secretly installed on the premises by the police. The recording was admitted in evidence at the applicant's trial for a drug trafficking offence. In contrast to the Schenk case, the installation and use of the device were not contrary to national criminal law, although it was obtained in breach of Article 8 of the Convention. The recording was the only evidence on which the applicant's conviction was based, but this consideration was discounted by the Court on the basis that the recording had in fact also been important, possibly decisive evidence. Moreover, the applicant had, as in the Schenk case, been able to challenge the authenticity and admissibility of the recording and the national courts at three levels of jurisdiction had rejected claims that it should be excluded as rendering the proceedings unfair. As emerges from these cases, whether the use of evidence obtained in breach of Article 86 of the Convention renders a trial**

**unfair in breach of Article 67 depends on the circumstances, including whether the rights of the defence have been respected and the strength of the evidence.[26]"**

Għalhekk, għalkemm il-Qorti hija tal-fehma li din il-provi nkisbet b'mod leġittimu waqt l-inkjesta maġisterjali minn espert speċifikament maħtur biex jeleva din l-evidenza mis-sors tagħha u jagħmel l-eżamijiet kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità u l-affidabbiltà ta' dawn il-filmati ta' sorveljanza, u l-estrazzjonijiet li saru minnhom, (u dan kif ser jiġi muri fl-eċċezzjoni li jmiss), huwa finalment f'idejn il-ġurija li tistabbilixxi l-valur ta' din il-prova u l-piż li għandu jingħatalha, u dan wara li l-imħallef tal-ġuri jiggwidaha dwar ir-regoli tal-evidenza. Fl-aħħar mill-aħħar, ix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-pulizija u l-esperti maħtura mill-qorti li ser jixhdu dwar il-kontenut ta' dawn il-filmati tista' tiġi aċċertata direttament mill-ġurati stess bl-applikazzjoni tas-sensi tagħhom jekk l-imsemmija filmati jkunu murija lilhom tant illi dan id-dokument għalhekk ikun jista' jiġi eżaminat *ictu oculi* minnhom waqt il-ġuri. Konsegwentement, dan l-ilment qed jiġi miċħud ukoll.

E. **L-Eċċezzjoni numru 10 tal-akkużat Adrian Agius, l-eċċezzjoni numru 6 ta'l-akkużat Robert Agius, l-eċċezzjoni numru 6 tal-akkużat Jamie Vella u it-tieni parti ta'l-eċċezzjoni numru 1 tal-akkużat George Degiorgio – l-isfilz mill-atti tar-relazzjoni eżebita fil-Proces Verbal dwar l-omiċidju ta' Carmel Chircop a fol.990 et seq. tiegħu stante li titratta filmati estratti minn CCTV cameras u kwalsiasi stills minnhom meħuda, inkluż għalhekk id-dokument immarkat bħala dok. KA1 u dan billi s-sidien nfushom tal-postijiet minn fejn ġew elevati l-filmati la nġiebu biex jixhdu u wisq anqas ġew imniżżla fil-lista tax-xhieda illi l-Prosekuzzjoni hija bi ħsiebha tressaq 'il quddiem waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u kwindi kull riferenza li fl-atti proċesswali saret għal dawn il-filmati tammonta biss għal *documentary hearsay evidence***

Illi dawn l-eċċezzjonijiet huma marbuta mal-eċċezzjonijiet preċedenti u allura japplikaw għalihom l-istess konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti *supra*. Jingħad għal darb'oħra illi f'dan l-istadju tal-proċeduri il-Qorti ma tistax tordna l-isfilz ta' evidenza għaliex jista' jkun illi din m'għandiex valur

[26] Tribunal ghal Talbiet Zghar (KCX) – Daniel Zammit vs Rocco Bartoluccio digriet moghti 03/02/2020

probatorju jew inkella għaliex hija dgħajfa s-saħħa probatorja tagħha. Kif ingħad, ma hemm ebda indikazzjoni li din il-prova inkisbet bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi penali li tirrendieha inammissibbli. Illi din l-eċċezzjoni fil-fatt tirreferi għar-relazzjoni redatta mill-espert nominat waqt il-kors tal-*in genere,* Dr. Martin Bajada, li kien maħtur mill-Inkwirenti, b'digriet tat-08 ta' Ottubru 2015, u ċioe' fl-istess jum lil seħħ l-omiċidju, **"bhala espert tal-informazzjoni teknologika sabiex:**
**l. jigbor is-CCTV footage kollu relattiv u johrog stills.**[27]"

L-espert fir-rapport tiegħu jispjega illi:

> **2.1. Accessi**
> **2.1.1. L-esponent gie notifikat bin-nomina mill-ispettur Keith Arnaud u bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru, 2015 zamm diversi accessi gewwa Triq J Borg, B'Kara - Triq l-lsqof Labini, B'Kara -Triq in-Naxxar, B'Kara -Triq il-Karmenu, B'Kara -Triq il-Wied, B'Kara -Triq Fleur-De-Lys, B'Kara u Triq Bridal, Balzan.**
> **2.1.2. Waqt dawn accessi ingabru ghaxar (10) CCTV downloads ghall-gurnata ta-8 ta' Ottubru, 2015 bejn il-6:00:00 u s-7:00:00 ta'filghodu.**
> **2.1.3. Tul il-process ta' gbir tal-CCTV downloads, l-esponent kien <u>dejjem akkumpanjat minn pulizija tas-Skwadra tal-Omicidji</u>**[28]**.**

L-espert jagħmel elenku tal-postijiet kollha minn fejn kienu elevati l-filmati u ix-xogħol li sar fuq kull filmat li kien elevat minn kull lok indikat fl-imsemmija lista u dan billi:

> **3.1. Downloads**
> **3.1.1. Ghal kull CCTV footage download li sar mill-esponent gie redat CCTV technical report konsistenti minn**
> **i. CCTV1 Site Plan.**
> **ii. CCTV footages.**
> **iii. Inventarju tal-CCTV footages.**
> **iv. Checksums tal-CCTV footage, u**
> **v. Stills**

Illi dan ifisser illi matul il-kors tal-ġuri, l-espert, li huwa wieħed mix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni ser ikun f'posizzjoni jixhed dwar il-mod kif il-filmati kienu elevati, minn liema lok, u l-mod kif saret l-estrazzjoni minnhom tal-materjal lil kien relevanti għal fini tal-investigazzjoni li kienet għaddejja.

[27] Ara digriet a fol 33 tal-proċess verbal
[28] Sottolinnjar tal-Qorti

Minn din ix-xiehda, abbinata ma' dik tal-uffiċjali tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan l-omiċidju, l-ġurati ser ikunu f'posizzjoni jissindikaw l-awtentiċita' u allura s-saħħa probatorja tal-evidenza, liema evidenza ma tistax tkun sfilzata f'dan l-istadju tal-proċeduri billi hija evidenza, kif ingħad rilevanti għal *facts in issue*, u mhijiex vjolattiva ta' ebda disposizzjoni tal-liġi penali li tista tirrendieha inammissibbli fit-termini ta'l-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali. Għal dawn il-motivi dawn l-eċċezzjonijiet tal-akkużati qed ikunu miċħuda.

F. **L-eċċezzjoni bin-numru 11 tal-akkużat Adrian Agius, l-eċċezzjoni bin-numru 7 tal-akkużat Robert Agius, l-eċċezzjoni bin-numru 7 tal-akkużat Jamie Vella, u l-eċċezzjoni bin-numru 2 tal-akkużat George Degiorgio – l-isfilz mill-atti kumpilatorji tat-testimonjanza tax-xhud Vincent Muscat u dan għaliex huma ma ngħatawx kopja tal-istqarrijiet awdjo-viżwali meħuda mill-investigaturi u li għalihom saret referenza mill-Ispettur Kurt Zahra fil-kors tax-xiehda tiegħu tal-04 ta' Mejju 2021.**

Illi dawn l-eċċezzjonijiet illum huma sorvolati u dan għaliex b'digriet tal-Qorti tas-17 ta'Frar 2023[29] l-atti kumpilatorji kienu rinvijati lura lil Qorti Istruttorja fit-termini ta'l-artikolu 406(1) tal-Kodiċi Kriminali sabiex ikunu eżebiti l-istqarrijiet awdjo-viżwali meħuda lix-xhud Vincent Muscat fil-kors tal-istħarriġ. Dawn ir-reġistrazzjonijiet, imbagħad, ġew eżebiti quddiem l-Istruttur fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 bħala Dokumenti DVD1 sa DVD4 (kollettivament DVDA1), u saret traskrizzjoni tal-kontenut ta'l-istess mill-espert tal-informatika Keith Cutajar. Illi allura, għalkemm l-akkużati ma irtirawx din l-eċċezzjoni minnhom ventilata, billi llum l-mertu ta'l-istess jinsab eżawriet il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess.

G. **L-eċċezzjonijiet bin-numri 12 u 13 ta'l-akkużat Adrian Agius, l-eċċezzjonijiet bin-numri 8 u 9 tal-akkużat Robert Agius, l-eċċezzjonijiet bin-numri 8 u 9 tal-akkużat Jamie Vella u l-eċċezzjoni numru 3 u 4 tal-akkużat George Degiorgio – L-isfilz mill-atti kumpilatorji ta' dawk is-siltiet mit-testimonjanza tax-xhud Vincent Muscat fejn ix-xhud jixhed dwar dak li allegatament qallu il-ko-akkużat Alfred Degiorgio, li ma huwiex wieħed mix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-**

[29] Fol.277 tal-atti

**<u>Xhieda anness mal-Att ta'l-Akkuża, u konsegwentement tali siltiet minn din it-testimonjanza jammontaw għal *hearsay evidence*. L-isfilz ukoll ta' dawk is-siltiet fejn ix-xhud Vincent Muscat seta' esprima xi opinjoni billi din mhijiex ammissibbli.</u>**

Illi d-disposizzjonijiet tal-liġi relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reżi applikabbli għall-Kapitolu 9 bl-artikolu 645 tiegħu:

> **"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**
>
> **"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**
>
> **"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**
>
> **"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

Fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

> **"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**
>
> ***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the***

*evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.** (sottolinjar tal-Qorti)

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[30]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

**"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet, mbaghad, il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk:

**"18. ... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura**

[30] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. …..**
(sottolinjar tal-Qorti)

**21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza preċitata billi jikkontrolla x-xiehda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza.

Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jemerġi illi fil-kors tax-xiehda tiegħu, ix-xhud Vincent Muscat jirrakkonta id-dettalji dwar l-allegata konġura kriminali li kien hemm fuq saqajha bejn il-malviventi allegatament involuti fil-kummissjoni tal-omiċidji mertu ta' dan il-ġuri. Fost oħrajn jirrakonta diskors li qallu il-kompliċi tiegħu Alfred Degiorgio dwar trattattivi li kienu għaddejjin ma' ċertu Melvin Theuma, li huwa xhud tal-Prosekuzzjoni ukoll, in konnessjoni mal-*contract killing* ta' Daphne Caruana Galizia u l-ħlas li għaddielu Degiorgio sabiex isir dan ir-reat[31].

[31] Vincent Muscat jixhed dwar dak li allegatament qallu ko-akkużat ieħor u/jew terz, *ossia* Alfred Degiorgio, fis-segwenti folios tal-atti tal-kumpilazzjoni:

Jiġi ribadit, kif affermat diversi drabi fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, illi mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi xiehda fuq kliem ħaddieħor (*hearsay*), iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Dan pero' jista' jikkostitwixxi prova li dak id-diskors ikun verament intqal lix-xhud li jkun semgħu jingħad minn ħalq it-terz. Biss ma jikkostitwix prova tal-veradiċita' tal-fatt mistqarr minn dak it-terz. Dan jista' jakkwista valur probatorju dirett biss fil-każ li t-terz jixhed dwar dak il-fatt bil-ġurament tiegħu. Iżda mill-banda l-oħra, jekk diversi xhieda jixhdu li jkunu semgħu lit-terz jirrakkontalhom l-istess fatt jew fatt simili ħafna jew jekk il-fatt irrakkontat ikun ikkonfermat li seħħ minn xi xhud ieħor, allura, għalkemm il-kliem mismugħ u rakkontat mix-xhud xorta waħda jibqa' milqut mir-regola tal-*hearsay evidence* (u ċioe' li dak mismugħ mix-xhud minn ħalq it-terz jibqa' prova li jkun intqal dak id-diskors lilu u mhux li dak li jkun ingħad lilu jkun jikkostitwixxi prova ta' dak li verament seħħ), mill-banda l-oħra il-kliem mismugħ minn aktar minn xhud wieħed, jew il-fatt rakkontat ikkonfermat minn xhud ieħor, jista' jakkwista piż probatorju akbar dwar il-fatt li t-terz verament ikun qal dak id-diskors u dan minħabba r-regola tal-korroborazzjoni. Imbagħad jekk minn evidenza oħra, indipendenti minn dak li jkun qal it-terz lix-xhud, jirriżulta li verament ikun hemm fatti li jaqblu ma dak li jkun ġie irrakkontat lix-xhud, dan il-fatt per se jista', fil-każijiet kongruwi, jitqies bħala prova indizzjarja li tifforma parti mill-kwadru probatorju sħiħ li jsawwar il-każ, b'mod li jista' anke jkollu, f'ċerti ċirkostanzi, effetti korroborattivi.

Jikkonsegwi għalhekk illi għalkemm huwa minnu li Alfred Degiorgio ma huwiex wieħed mix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża, madanakollu is-siltiet oġġezzjonabbli għall-

---

- Volum 1 – fol. 367, 368, 369, 370, 371, 374, 375, 376, 385, 390, 392, 395, 396, 413, 414, 415, 419, 420, 431, 436, 437, 438, 440,441, 446, 447, 448, 449, 450, 452, 453, 454, 461, 463, 464, 466, u 467; u
- Volum 2 – fol. 569, 570, 573, 579, 580, 586, 587, 588, u 589

akkużati ma jistgħux f'dan l-istadju jkunu dikjarati inammissibbli għar-raġunijet hawn fuq miġjuba.

Ukoll ix-xhud Vincent Muscat ser jiddeponi mill-ġdid waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, b'dan għalhekk illi dak minnu dikjarat fi-kors tax-xieħda tiegħu waqt il-kumpilazzjoni jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati biss ai fini ta' kontroll jew jekk javveraw rwieħhom iċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk anke l-ilment tal-akkużati fir-rigward tal-inammissibbilita' tas-siltiet mid-deposizzjoni tax-xhud Vincent Muscat fejn huwa seta' esprima xi opinjoni[32] jista' jkun miluqgħ biss fil-każ illi fil-ġuri, il-ġurati jiġu mgħoddija kopja ta' din id-deposizzjoni meħuda waqt l-Istruttorja u dan jew sabiex ikun hemm kontroll fuq dak mistqarr mix-xhud waqt ix-xiehda tiegħu jew inkella, kif ingħad, jekk javveraw rwieħhom iċ-ċirkostanzi li jitkellem dwarhom l-artikolu 646(2).

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza *il-Pulizija vs Renard Cassar*, deċiża fl-24 ta' Settembru, 2009 irritjeniet illi:

> **"Hija prattika sancita mill-ligi, li xhieda ordinarja u cioe mhux persuni mahtura bhala espert mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak illi huma kkonstataw bis-sensi taghhom. Meta jkun mehtieg xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (artikolu 650(1) tal-Kap 9).**

Illi allura in linja mal-ispirtu tal-liġi, huwa indubitat u indisputat illi ebda xhud ma huwa ser jitħalla jesprimi xi opinjoni fil-kors tal-ġuri, għajr għal dawk l-esperti nominati mill-Qorti, u l-ebda parti tad-deposizzjoni tax-xiehda tax-xhud Vincent Muscat mogħtija fl-Istruttorja fejn dan seta' esprima xi opinjoni ma għandha tintwera lil ġurati.

---

[32] Il-partijiet tax-xhieda ta' Vince Muscat fejn huwa esprima opinjonijiet jinsabu fis-segwenti folios:

- Volum 1 tal-atti tal-kumpilazzjoni – fol. 390, 391, 414, 438, 439, 442, 444, 445, 455, u 471;
- Volum 2 tal-atti tal-kumpilazzjoni - fol. 535, 541, 542, u 543; u
- Volum 3 tal-Proċess Verbal dwar l-Omiċidju tal-Avukat Chircop – fol. 669.

Illi, in konkluzjoni għalhekk sta għall-Imħallef togat li jagħti dawk id-direzzjonijiet opportuni lil ġurati dwar ir-regoli marbuta mal-valutazzjoni tal-provi, xiehda u dokumenti meta huma jaslu għad-deliberazzjoni finali. Għal dawn il-motivi dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda u dan fis-sens hawn fuq deċiż.

**H. <u>L-eċċezzjoni bin-numru 14 tal-akkużat Adrian Agius, l-eċċezzjoni numru 10 tal-akkużat Robert Agius, u l-eċċezzjoni bin-numru 10 tal-akkużat Jamie Vella fejn huma jitolbu li tingħatalhom kopja ta' diversi dokumenti li jinsabu eżebiti fil-proċess verbal dwar l-omiċidju tal-Avukat Carmel Chircop u dan sabiex ikunu f'posizzjoni jħejju id-difiża tagħhom adegwatament.</u>**

Illi din l-eċċezzjoni ventilata mill-akkużati aħwa Agius ma hijiex waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet elenkati fl-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali u lanqas tolqot l-ammissibbilita' ta' xi evidenza, kif hemm maħsub fl-artikolu 438(2)(i) tal-Kap.9. Illi, fil-fatt l-akkużati diġa' għandhom f'idejhom kopja tal-atti kollha ta' dan il-każ, madanakollu jekk jenħtieġu xi kopji oħra l-Qorti ser tara li huma jingħataw dawn il-kopji kif għandhom dritt skont il-liġi. Illi allura, għalkemm il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni, madanakollu tordna lir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex iħejji kopja għad-difiża tad-Dokumenti eżebiti a fols. 887[33], 928[34], u 937[35] tal-proċess verbal dwar l-omiċidju ta'l-Avukat Carmel Chircop, u kopja tal-filmati kollha miġbura u eżebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Martin Bajada eżebit a fol. 990 et. seq tal-imsemmi proċess verbal.

B'hekk il-Qorti iddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari kollha ta'l-akkużat Adrian Agius u tal-akkużat George Degiorgio. Illi għalkemm fil-maġġior parti tagħhom l-eċċezzjonijiet ta'l-aħwa Agius u tal-akkużat Jamie Vella kienu identiċi, madanakollu l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella jressqu eċċezzjonijiet oħra marbuta mal-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, li dwar l-istess huma jinsabu mixlija fl-istess Att ta'l-Akkuża

[33] CD kontenenti data telefonika redatta mis-soċjeta Melita plc.
[34] Faxxikolu ta' fotografija eżebit is-SOCO PS186 Kristian Mintoff
[35] Relazzjoni ta' PS404 Paul Camilleri

I. **<u>L-eċċezzjoni numri 11 sa 14 tal-akkużat Robert Agius u l-eċċezzjonijiet bin-numri 11 sa 14 tal-akkużat Jamie Vella – L-isfilz tar-relazzjonijiet ippreżentata a fols. 928 sa 944 u 956 sa 995 tal-proċess verbal fl-atti tal-inkjesta dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia stante illi dawn id-dokumenti huma f'lingwa illi mhijiex il-lingwa li bija qegħdin jitmexxew il-proċeduri bi ksur tal-Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre il-proċeduri ma jistgħux jimxu 'il quddiem billi ma kenux osservati id-dettami tal-artikolu 534D tal-Kodiċi Kriminali meta huma ma ngħatawx it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti essenzjali b'lingwa li biha qegħdin jitmexxew il-proċeduri.</u>**

Illi qabel xejn għandu jiġi rilevat illi l-liġi tħares b'mod ħolistiku d-drittijiet tal-persuna akkużata u dan fit-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali, Titolu li kien miżjud permezz tal-Att IV tal-2014, b'dan għalhekk illi fih hemm inkorporat d-dritt li l-persuna suspettata jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti jkollha d-dokumenti kollha f'idejha li fuqhom hija imsejsa l-akkuża miġjuba fil-konfront tagħha sabiex b'hekk tkun f'posizzjoni tiddefendi ruħha skont il-liġi. Jekk dawn id-dokumenti jkunu f'lingwa li dik il-persuna hekk akkużata ma tifhimx, allura jekk dan id-dokument jitqies mill-qorti li huwa dokument essenzjali bħala prova, għandha ssir traduzzjoni ta'l-istess f'lingwa li l-persuna akkużata tista' tifhem u dan kif hemm dispost fl-artikolu 534AD:

> **(1) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat ma jifhmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-proċeduri kriminali kkonċernati,huma għandhom, fi żmien raġonevoli, jingħataw bil-miktub traduzzjoni tad-dokumenti kollha essenzjali li jiżguraw li huma jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom kif ukoll sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.**
> **(2) Id-deċiżjoni li tiddetermina x'jikkostitwixxi dokument essenzjali għandha tittieħed mill-Pulizija Eżekuttiva jew mill-Qorti skont ma jkun il-każ, u l-persuna suspettata jew l-akkużat jew l-avukat tagħhom għandhom jissottomettu talba raġonata għal dak il-għan:**
> **Iżda d-dokumenti essenzjali għandhom jinkludu kull deċiżjoni li ċċaħħad il-libertà tal-persuna, kull imputazzjoni jew att ta' akkuża, u kull deċiżjoni:**
> **Iżda wkoll ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġu tradotti l-passaġġi tad-dokumenti essenzjali li m'humiex rilevanti għall-finijiet li jippermettu lill-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu jafu li hemm każ kontrihom.**
> **(3) Xejn f'dan l-artikolu ma jiġi miftiehem bħala li jippreklludi li l-persuna suspettata jew lill-akkużat sabiex jitolbu li kull deċiżjoni li,**

**f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, tgħid li m'hemmx bżonn traduzzjoni ta' dokumenti jew passaġġi tiegħu jkunu riveduti u, meta traduzzjoni tkun provduta, il-possibilità li wieħed jilmenta li l-kwalità tat-traduzzjoni mhijiex tajba sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta.**
**(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, tista' tiġi provduta traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm tad-dokumenti essenzjali minfok traduzzjoni bil-kitba, bil-kundizzjoni li din it-traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm ma jippreġudikawx il-proċedura ġusta.**
**(5) Meta l-persuna suspettata jew l-akkużat jirrinunzjaw għad-dritt għal traduzzjoni ta' dokumenti msemmija f'dan l-artikolu, din ir-rinunzja għandha tiġi imniżżla bil-miktub u biss wara meta, il-Pulizija Eżekuttiva jew il-Qorti, skont il-każ, tkun sodisfatta li l-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu rċievew parir legali minn qabel jew xort'oħra kellhom għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ta' din ir-rinunzja, u li r-rinunzja ma kenitx ekwivoka u mogħtija b'mod volontarju.**
**(6) It-traduzzjoni pprovduta taħt dan l-artikolu għandha tkun ta' kwalità biżżejjed li tissalvagwardja proċedura ġusta, b'mod partikolari billi tiżgura li l-persuni suspettati jew l-akkużati jkollhom għarfien tal-każ miġjub kontrihom u li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt għal difiża.**

Illi fil-fatt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Proceduri Gudizzjarji) huma konsoni ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi meta hemm ipprovdut b'liema lingwa għandhom isiru l-proċeduri meta l-persuna akkużata ma tkunx tifhem bil-lingwa maltija biex b'hekk il-proċeduri għandhom isiru bil-lingwa Ingliża bir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jara li l-atti jiġu nnotifikati lil dik il-persuna li ma tkunx tifhem bil-lingwa maltija bil-lingwa Ingliza, u jekk dan ma jsirx il-persuna akkużata għandha il-jedd titlob hi stess li ssir tali traduzzjoni. Illi huwa fir-rigward tad-deposizzjoni tax-xhieda biss li l-artikolu 3(e) tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li mill-iktar fis jara li titqiegħed fl-inkartament it-traduzzjoni ta' dik id-deposizzjoni fl-ilsien li bih jkunu qed isiru l-proċeduri, b'dan madanakollu li l-liġi ma tirriavviża ebda nullita' fin-nuqqas li jsir dan.

Illi l-akkużati Robert Agius u Jamie Vella qegħdin isibu oġġezzjoni għal fatt illi r-relazzjonijiet ippreżentati mill-esperti nominati waqt l-*in genere* fil-qtil

tal-ġurnalista Daphne Caruana Galiza, liema esperti kienu maħtura min-*Netherlands Forensic Institute* fir-rigward tal-isplussiv kontenut fil-bomba użata fl-omiċidju, huma bil-lingwa Ingliża, u li ma saret ebda traduzzjoni fil-lingwa Maltija ta' dawn id-dokumenti.

Issa minn eżami tal-atti kumpilatorji ma jidhirx illi l-akkużati f'xi żmien talbu quddiem il-Qorti Istruttorja li ssir traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti. L-akkużati kienu tul il-proċeduri abbilment assistiti mid-difensuri tagħhom sabiex b'hekk lanqas ma jista' jinghad illi id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq ġie b'xi mod leż minħabba f'dan in-nuqqas. Fl-ebda ħin ma lmentaw illi huma ma kienux qed jifhmu il-kontenut ta' dawn id-dokumenti jew ukoll li ma setgħux iħejju d-difiża tagħhom.

Illi ma hemm xejn fil-liġi li tirrendi tali rapporti u dokumenti inammissibbli stante illi l-akkuzati kellhom kull opportunita' li jitlobu li ssir it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti, haġa li naqsu milli jagħmlu u kwindi ma jistgħux jippretendi li issa, fi stadju inoltrat ta' dawn il-proċeduri, l-Qorti tordna l-isfilz ta'l-istess minhabba nuqqas minn naħa tagħhom. Fuq kollox, jerġa' jigi ribadit illi l-akkużati dejjem kienu abbilment assistiti mid-difensuri tagħhom u fuq kollox ix-xhieda li ppreżentaw dawn ir-rapporti u d-dokumenti ser jiddeponu mill-ġdid fil-ġuri sabiex jispjegaw ix-xogħol minnhom magħmul fil-kors tal-inkarigu lilhom mogħti, u dan meta dawn l-esperti huma indikati bħala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża.

Illi ma jidhirx għalhekk illi kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(3) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 516 u l-artikolu 534D, hawn fuq iċċitat, tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk id-Dokumenti redatti fil-lingwa Ingliża, li dwarhom qed isib l-oġġezzjoni l-akkużat, ma jistgħu qatt ikunu dikjarati nulli jew inammissibbi.

> **"….. din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad mill-awtur Karen Reid fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights:**
> ***"The ability to comprehend the proceedings in a criminal trial, guaranteed in Art. 6, para. 3(e), may be seen as another aspect of the***

***importance for an accused to participate effectively in the proceedings. For the right to be effective, the obligation of the authorities is not limited to the provision of an interpreter, but may also extend to a degree of control over the adequacy of the interpretation provided. Issues as to the standard of the interpretation could arise if it could be established as damaging to the accused's effective participation in the proceedings. Although a failure to complain at the time may be fatal to claims before the Court as generally domestic courts must be given an opportunity to remedy any inadequacy, the onus is nontheless on the trial judge to treat an accused's interest with 'scrupulous care' and take steps to ensure his ability to participate where problems are drawn to his attention…The requirement for interpretation must, however, be genuine and necessary to the fair conduct of the proceedings. Where an applicant has sufficient understanding of the language of the proceedings, he cannot claim a cultural or political preference for another. Once it is apparent that the applicant requires interpretation assistance, it is unlikely that informal and unprofessional assistance will be sufficient. Article 6, para. 3(e) has been held to cover documentary material and pre-trail matters, but it does not extend to requiring translations of all documents in the proceedings. It is sufficient if the applicant is assisted by interpreters, translations and the help of his lawyers so that he has knowledge of the case which enables him to defend himself, in particular by being able to put forward his version of events. If this standard is reached, a failure to provide all the translations an applicant might have wanted is not a problem. An applicant would presumably have to indicate that the untranslated documents were material to his ability to defend himself and that he was refused or not permitted the necessary facilities[36]."*** (sottolinjar tal-Qorti).

Għal dawn il-motivi dawn l-eċċezzjonijiet (Eċċezzjonijiet numri 11 sa 14) qed jkunu miċħuda.

B'hekk il-Qorti iddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari kollha tal-akkużati.

**L-eċċezzjonijiet ta'l-Avukat Ġenerali dwar l-ammissibilita' ta' xi xhieda u ta' dokumenti indikati mid-difiża fil-Lista tax-Xhieda u l-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet.**

Trattati l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużati, jifdal biex jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-Avukat Ġenerali dwar ix-xhieda mitluba mill-akkużati Robert Agius, Jamie Vella u George Degiorgio, fil-Lista tax-Xhieda

[36] Qorti Appell Kriminali Il-Pulizija vs Andriy Petrovych Pashkov deciza 10/09/2009.

annessa man-noti ta'l-eccezzjonijiet u d-dokumenti minnu indikati fil-Lista tad-Dokumenti. Illi qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu ta' dan l-avviż mogħti mill-Avukat Ġenerali dwar l-inammissibilita ta' xhieda indikati mill-akkużati u dokumenti minnhom eżebieti flimkien man-nota ta'l-eċċezzjonijiet, jingħad illi kif ġie diversi drabi deċiż, fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, hija l-ammissibilita` ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smigħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u a prioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti għal '*facts in issue*'.[37]'

Illi allura dak li hi imsejjħa l-Qorti biex tagħmel f'dan l-istadju huwa sabiex tqies jekk l-oġġezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali hijiex arginata sew fin-nuqqas ta' ammissibbilta' ta' dik il-prova li l-akkużati qegħdin ifittixu illi jagħmlu u dan għaliex il-liġi stess tipprekludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem. Fin-nuqqas jekk din hija kwistjoni ta' rilevanza allura dan il-fatt għandu jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija fil-kors tat-trattazzjoni tal-każ matul il-ġuri:

> **"altro e' ricercare se un mezzo di prova offerto dall'accusa o dalla difesa abbia le condizioni richieste dall legge per essere ricevuto in gudizio, ed altro ricercare se un mezzo di prova permesso dalla legge abbia le condizioni di ragione per essere considerato concludente rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia.[38]"**

**<u>Nota ta'l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-lista tax-xhieda ta' Robert Agius</u>**.[39]

Illi permezz ta' nota datata is-07 ta' Novembru 2022, l-Avukat Ġenerali ta avviż tal-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' elenku ta' xhieda indikati mill-akkużat Robert Agius fil-Lista tax-Xhieda tiegħu u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[37] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Philip Agius deciza 02/05/2013
[38] Rex vs Savona – 05/03/1904
[39] Fol.131 tal-atti

**1**.Illi l-Avukat Ġenerali jibda biex jeċċepixxi l-inammissibbilita ta' diversi xhieda u dan billi l-akkużat Robert Agius jonqos milli jindika l-oġġett tal-prova li bi ħsiebu jagħmel bil-produzzjoni ta'l-istess. Illi x-xhieda li qed jagħmel referenza għalhom l-Avukat Ġenerali huma is-segwenti:

i. Johann Cremona sabiex jixhed dwar il-fatti illi bihom qiegħed jiġi akkużat Robert Agius.
ii. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Angelo Gafa, sabiex jixhed dwar dikjarazzjonijiet minnu magħmula b'relazzjoni mal-akkużi illi qiegħed jiffaċċja l-akkużat Robert Agius.
iii. Anca Adelina Pop sabiex tixhed dwar il-fatti illi bihom qed jiġi akkużat Robert Agius
iv. Rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed dwar liċenzji tan-nar u liċenzji sabiex iżomm u/jew jimmanifattura splussiv illi kellu id-defunt Kevin Falzon.
v. Rappreżentant tal-Human Resources Section tal-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed dwar il-perijodu illi fih kien iservi bħala pulizija d-defunt Kevin Falzon.
vi. L-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo sabiex jixhed dwar l-investigazzjoni magħmula rigwardanti l-omiċidju ta' PC Mark Farrugia u t-terminazzjoni tal-impjieg minn mal-korp tal-pulizija tad-defunt Kevin Falzon.

Illi jibda biex jingħad illi l-Qorti ma tistax tiddikjara ebda xhud indikat mill-akkużat f'din il-lista bħala inammissibbli unikament għaliex fil-fehma tal-Avukat Ġenerali ma kienx indikat mill-akkużat l-oġġett tal-prova li jrid li ssir permezz tat-testimonjanza tagħhom. Illi fil-fatt l-akkużat Robert Agius jindika il-mottiv li għalih huwa jixtieq iressaq kull wieħed minn dawn ix-xhieda li huma oġġezzjonabbli għall-Avukat Ġenerali, mhux biss fil-lista tiegħu, kif imfisser, iżda ukoll fit-trattazjoni orali magħmula in konnessjoni ma' dawn l-eċċezzjonijiet mid-difensur tiegħu. Jispjega hekk id-difensur ta'l-akkużat Robert Agius:

*"Jekk inharsu ahna lejn l- ittra F tirrigwardja lis- Sur Johann Cremona, u ahna hawn hekk qed ninfurmaw lill-Qorti, li l-kwistjoni tas-Sur Johann*

*Cremona tirrisalja l-fatt, illi meta xehed is-Sur Melvin Theuma fuq il- pedana tax-xhieda, quddiem il- Qorti Struttorja, Melvin Theuma, jaghmel referenza ghas-Sur Cremona u jghidilna li kien is-Sur Cremona li infurmah li kienu ha jakkuzaw, sorry li ha jarrestaw, yet again lil Maksar. Allura ahna nehtiegu din ix-xhieda tas-Sur Cremona halli naraw u inkunu nistghu inqabblu, ix-xhieda tas-Sur Muscat, ma dik tas-Sur Cremona. ...... Mela jekk naghmlu referenza wkoll ghal ittra J, jekk inharsu lejn il- lista tax- xhieda, l- ittra J hija l- Kummissarju tal- Pulizija, is- Sur Angelo Gafa, ...... Il- Kummissarju tal-Pulizija dehrlu li ghandu jaghmel dikjarazzjoni on air, rigward l- arrest tas-Sinjuri Agius, u ahna nixtiequ li ntellghu lill- kummissarju tal- Pulizija rigward dawk il- kummenti halli nghid hekk u jew dikjarazzjoni kif qed jindika ben tajjeb Dr Darmanin, rigward dawk id- dikjarazzjonijiet li ghamel is- Sur Gafa, qabel ma s- Sinjuri Agius, gew imressqa l- Qorti. Ghandna l- ittra O li tindika, li tirrigwardja lis- Sinjura Anca Adelina Po, dina ressaqniha biex tixhed dwar xi theddid, u messaggi li hija rceviet, fil- kors ta' dawn il-proceduri, id- difiza, emm, ressaqna xi xhieda, dawn ix- xhieda li ahna ddecidejna li rressqu, dehrilhom li ressqu xi forma ta' theddid lil din is-Sinjura, u ahna xtaqna naghmlu referenza ghalihom u nharrku lil din ix-xhud biex tixhed fuq dak li taf hi. Mela, l- Avukat Generali ghamel referenza ghall- ittra P, l- Avukat Generali ghamel referenza ghall- korp tal- Pulizija, sabiex jixhed dwar licenzja ta' l- armi tan- nar, u licenzji sabiex izomm jew jimmanifattura, splussiv li kellu defunt Kevin Falzon. Meta l- Qorti ha tara l-atti ta' l- inkjesta, fil- mori ta' dawn il- proceduri, ahna ressaqna, is- Sur Robert Agius, biex jixhed quddiem il- Magistrat Inkwirenti, il- Magistrat Victor Axiaq, skuzani, meta kien hemm din ix- xhieda quddiem il- Magistrat Victor Axiaq, fil- preżenza tas- Supretendent Keith Arnaud, .... saret referenza ghas-Sur Kevin Falzon. Ma nhobbx insemmi laqmijiet pero dana, jekk il-memorja hija tajba, ma ssirx referenza ghalih bhala Kevin Falzon, imma ssir referenza ghalih bhala Kevin ic- coqcoq. Jaghmel referenza ghalih ukoll lis- Sur Kevin Falzon, is- Sur Arnaud, fix- xhieda tieghu, igifieri, u jekk m' iniex sejjer zball, issir referenza ghalih ukoll, meta s- Sur Arnaud qed jaghmel xi domandi lis- Sur Muscat, fuq ic- CD. Igifieri dan, din il- persuna issir referenza ghaliha, issir anki referenza ghaliha, kemm waqt l- istatement illi ghamel jew f' dak il- hin kwazi kwazi dikjarazzjoni illi ghamel, l- akkuzat Robert Agius, quddiem il- Magistrat Inkwirenti, u jaghmel referenza ghaliha, is- Sur Arnaud fix- xhieda tieghu. Jaghmel referenza ghaliha wkoll is- Sur Muscat fix- xhieda tieghu, imma ma jidholx f' dettall. Imma imbaghad, emm, wiehed jiddiskuti mas- Sur Muscat waqt li jkun fuq il- pedana tax- xhieda. L- ittra Q Sinjura, tirrigwardja, rapprezentant yet again tal- human resources tal-Pulizija, biex jindika dwar is- Sur Kevin Falzon, u again l- Ittra R, l- Ex Kummissarju tal- Pulizija is- Sur John Rizzo, biex jitkellem ukoll dwar l-investigazzjoni, ta' PC Mark Farrugia, u l- impjieg jew ahjar l- involvement li kellu jew li rrizulta fl- investigazzjoni, l- involvement tas- Sur Kevin Falzon, li rrizulta … tas- Sur John Rizzo ta' Kevin Falzon, fl- omicidju tas- Sur Mark, jew ahjar tal- Kuntistabbli Mark Farrugia."*

Dak li jrid ikun jaf l-Avukat Ġenerali allura huwa ir-rilevanza ta' dawn ix-xhieda għat-teżi li ser tkun ipprospettata mid-difiża waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Illi kif ingħad, il-Qorti f'dan l-istadju ma tidħolx biex tissindika r-

rilevanza tax-xiehda, iżda l-ammissibbilita' ta'l-istess u ma jidhirx illi ebda wieħed minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali huma inammissibbli, iktar u iktar issa li l-akkużat fit-termini ta'l-artikolu 438(4) tal-Kodiċi Kriminali ddikjara aktar fid-dettall dak li irid jiġi ppruvat permezz ta' dawn ix-xhieda oltre dak diġa' minnu iddikjarat fin-nota tiegħu. Illi madanakollu x-xhud Anca Adelina Pop hija xhud ammissibbli diment illi l-oġġett tal-prova li trid tagħmel id-difiża ma taqax taħt il-projbizzjoni ndikata fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali, billi din ix-xhud hija s-sieħba tal-akkużat George Degiorgio. Illi allura l-Prosekuzzjoni issa għandha l-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-oġġett tal-prova li jixtieq jagħmel l-akkużat bil-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda u allura din l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali qed tkun miċħuda.

**2**.Illi fir-rigward tat-tieni oġġezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali, u dan b'referenza għat-talba magħmula mill-akkużat fil-Lista tax-Xhieda tiegħu sabiex jkun maħtur espert bil-għan illi jagħmel traskrizzjonijiet tal-istqarrijiet awdjo-viżwali tax-xhud Vincent Muscat li għalihom jagħmel referenza l-ispettur Kurt Zahra fid-deposizzjoni tiegħu tal-04 ta' Mejju 2021, din il-kwistjoni kienet sorvolata u dan għaliex b'ordni ta' din il-Qorti, kif diġa' ingħad aktar 'il fuq, illum dawn l-istqarrijiet jinsabu eżebiti in atti flimkien mat-traskrizzjonijiet ta'l-istess. Kwindi anke din l-eċċezzjoni hija infondata.

**3**.L-Avukat Ġenerali jsib oġġezzjoni ukoll għal produzzjoni tax-xhieda ta' George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Yorgen Fenech u dan għaliex l-imsemmija persuni huma ko-akkużati f'proċeduri li għadhom pendenti u għaldaqstant qabel ma l-imsemmija proċeduri isiru *res judicata*, dawn il-ko-akkużati ma humiex ammissibbli skont il-liġi.

Illi hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u lanqas kontra ko-akkużat ieħor, anke jekk dan ikun mixli f'proċeduri separati bil-kummissjoni ta'l-istess reat. Dan il-principju jitnissel kemm minn dak li jiddisponi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 636(b)

ta' l-imsemmi Kodici. Infatti l-ġurisprudenza tirrikonoxxi ukoll l-inammissibilita' tax-xiehda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż.

Issa llum il-każ ta' George u Alfred Degiorgio fir-rigward tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia għadda in ġudikat u dan b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede superjuri) tat-22 ta' Novembru 2022. Dan magħdud, madanakollu, George Degiorgio, indikat bħala xhud in difeża, llum jinsab ko-akkużat fil-proċeduri odjerni flimkien ma' l-akkużat Robert Agius in konnessjoni mal-omiċidju tal-avukat Carmel Chircop. Issa ġaldarba l-Avukat Ġenerali għoġbu fl-istess Att ta'l-Akkuża jixli l-istess persuni bil-kummissjoni ta'żewġ omiċidji, l-akkużat George Degiorgio għandu id-dritt tiegħu għas-silenzju u ma jistax jkun imġiegħel jieħu l-pedana tax-xhieda anke jekk biex jixhed fuq fatti li dwarhom hu kien diġa' ġie misjub ħati. Dan ukoll għaliex bit-testimonjanza tiegħu, tkun qed titressaq prova dwar l-anteċedenti penali tiegħu, fatt li jista' jippreġudika lill-ġurati meta huma jiġu biex jiddeċiedu fuq l-akkużi miġjuba kontra George Degiorgio f'dawn il-proċeduri. Illi allura diment illi George Degiorgio jibqa' akkużat fl-istess Att ta'l-Akkuża flimkien ma'l-akkużat Robert Agius huwa ma jistax jitqies li hu xhud ammissibbli.

Illi għalkemm Alfred Degiorgio huwa xhud ammissibbli f'dan l-istadju u dan għaliex il-każ tiegħu issa għadda in ġudikat, kif ingħad, madanakollu jibqa' il-fatt illi jekk huwa jieħu l-pedana tax-xhieda ma jistax jimplika lil ħuh George Degiorgio fil-kummissjoni tal-omiċidju ta'Daphne Caruana Galizia għaliex b'hekk tkun qed issir referenza għall-anteċedenti penali ta' wieħed mill-akkużati li wkoll jista' joħloq preġudizzju f'moħħ il-ġurija dwar il-passat kriminuż tal-imsemmi George Degiorgio, u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali. Dan oltre il-jedd stabbilit fl-artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali ta' xhud li juri lil qorti li ma jkunx jixtieq jixhed minħabba li jkun jiġi mill-akkużat. F'dan il-każ, Alfred Degiorgio jiġi ħu l-akkużat George Degiorgio u allura jekk juri din ix-xewqa, hija fid-diskrezzjoni

tal-Qorti li ma ġġiegħlux jiddeponu kontra ħuh. Dan ifisser illi, għalkemm f'dan l-istadju ix-xhud Alfred Degiorgio ma jistax jitqies xhud inammissibbli, madankollu jekk id-difiża jogħġobha tressaq dan ix-xhud biex jiddeponi, il-Qorti trid tieħu qies taċ-ċirkostanzi kif ikunu eżistenti f'dak iż-żmien sabiex tiddeċiedi jekk ix-xhud għandux ikun ammess fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi fir-rigward tax-xhud Yorgen Fenech, għall-istess motivi hawn fuq miġjuba, f'dan l-istadju huwa għandu jitqies bħala xhud inammissibbli diment illi sal-mument li jkun qed jiġi ċċelebrat il-ġuri, il-każ tiegħu ma jkunx għadda in ġudikat, u dan għaliex mhuwiex *'a compellable and/or competent witness'*.

**4**.Illi l-Prosekuzzjoni imbagħad toġġezzjona għal produzzjoni tax-xhud l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ sabiex tixhed dwar il-proklama mogħtija lil Vincent Muscat kif ukoll dwar pariri u deċiżjonijiet oħra mogħtija u meħuda minnha relevanti għall-każ. Dan għaliex fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali huwa l-President ta' Malta li jagħti il-proklama, oltre għal fatt illi l-pariri u rakkomandazzjonijiet magħmula minn Dr. Victoria Buttigieg fil-vesti tagħha ta' Avukat Ġenerali, huma koperti kemm bil-liġi kif ukoll bis-sigriet professjonali.

Jinghad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jirrendi insindikabbli s-setgħat mogħtija lil Avukat Ġenerali fid-deċiżjonijiet meħuda minnu meta huwa jistitwixxi proċeduri penali kontra xi individwu meta hemm hekk dispost:

> **"Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."**

**I**lli d-difiza iddikjarat illi x-xiehda tal-Avukat Ġenerali hija mitluba in konnessjoni mad-diskuzzjonijiet li saru marbuta mal-Proklama mogħtija lix-xhud Vincent Muscat. Illi ġaladarba kwindi dawn il-pariri u

rakkomandazzjonijiet huma nsindikabbli, kif ingħad, din ix-xhud hija inammissibbli.

5.L-Avukat Ġenerali imbagħad iqies ix-xhud Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali għar-raġuni li jġib l-akkużat Robert Agius fil-Lista tax-Xhieda enumerata bl-ittra 'h', bħala xhud inammissibbli. Illi l-akkużat jindika illi jrid iressaq bħala xhud lir-"*Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jixhed u jippreżenta diversi traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Vincent Muscat illi huwa għażel illi jagħti f'diversi kawżi kriminali, diversi traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Melvyn Theuma illi huwa għażel illi jagħti f'diversi kawżi kriminali kif ukoll sabiex jippreżenta lista' ta' kawżi pendenti u/jew passata ta' Vincent Muscat.*"

L-Avukat Ġenerali jikkontendi illi din il-prova li qed ifittex li jagħmel l-akkużat Robert Agius hija inammissibbli stante illi huwa naqas milli jispeċifika b'mod ċar liema huma dawn id-diversi traskrizzjonijiet ta' xhieda u għal liema kawżi kriminali qed jirreferi fl-istess punt. Għalkemm l-Avukat Ġenerali jiddikjara illi huwa ma jsibx oġġezzjoni li tiġi ppreżentata l-lista tal-kawżi pendenti u/jew passati ta' Vincent Muscat, din il-lista ma għandiex tiġi a konjizzjoni tal-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan stante ukoll li l-persuna in kwistjoni hija xhud u li tali lista ma tistax tintuża ai fini ta' kontroll tal-istess xhud.

Illi għalkemm kif diġa' ingħad il-fatt illi l-akkużat jonqos milli jindika liema huma dawk it-traskrizzjonijiet jew evidenza li jenħtieġ lil dan ix-xhud jeżebixxi, ma jirrendiex b'daqshekk dan ix-xhud inammissibbli. Madanakollu huwa minnu dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali, illi l-akkużat għandu preventivament jindika liema huma it-traskrizzjonijiet li jenħtieġ, u l-proċeduri kriminali, li minnhom jrid lil dan ix-xhud jeżebixxi x-xiehda ta' Vincent Muscat u Melvyn Theuma. Il-Qorti tifhem illi d-difiża qed titlob illi jkollha f'idejha din l-evidenza ai fini ta' kontroll ta' żewġ xhieda ewlenin f'dan il-każ. Kwindi lill-akkużat qed jiġi konċess ġimgħa żmien minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sabiex jindika permezz ta' nota liema

huma il-kawżi li qed jirreferi għalihom fejn hemm din l-evidenza minnu mitluba.

Illi l-akkużat jitlob ukoll lil dan ix-xhud Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex jippreżenta lista ta' kawżi pendenti u/jew passati tax-xhud Vincent Muscat. Illi l-Qorti tifhem illi l-għan wara din it-talba hija sabiex ikun stabbilit l-karattru refrattarju tax-xhud. Illi l-artikolu 459A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jagħti il-jedd lill-akkużat jew id-difensur tiegħu li jistaqsi mistoqsijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, meta l-andament tad-difiża jkun tali li jinvolvi akkużi dwar il-karattru ta' tali xhieda. Illi gie deciz:

> **"Kull prova li hija rilevant ghal "facts in issue" hija ammissibbli. X'inhuma "facts in issue" insibuh spjegat fi Cross on Evidence (4th Ed. 1974,p.4) fejn jinghad illi:** ***'The main facts in issue are all those facts which the.... prosecutor in criminal proceedings must prove in order to succeed, together with any further facts that the .... Accused must prove in order to establish a defence.'"*** [40]

Dan ifisser illi ma hemm xejn x'josta lid-difiża milli tattakka l-karattru tax-xhieda tal-prosekuzzjoni bil-għan li dawn jiġu skreditati f'dak illi jixhdu f'għajnejn l-awtorita' gudikanti, jew ai fini ta' kontroll ta' dak li jgħid ix-xhud, b'dan madanakollu illi mbagħad terfa' fuq spallejha ir-riskju illi l-prosekuzzjoni tista' tqiegħed fl-arena tal-ġudizzju l-karattru u anteċedenti tal-akkużat ukoll. Illi l-Qorti ma tistax fl-interessi tal-gustizzja tostakola lill-akkużat milli jressaq il-provi li huma permessi bil-liġi sabiex jagħmel id-difiża tiegħu billi jutilizża waħda mill-armi li għandha f'idejha id-difiża li tattakka il-kredibilita' tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Illi jekk issir din il-prova imbaghad, l-Imħallef sedenti l-ġuri, fl-indirizz finali, għandu/ha jagħti/tagħti dik id-direzzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ, li fil-fehma tiegħu/tagħha tkun meħtieġa sabiex il-ġurati jkunu jistgħu jilħqu id-deċiżjoni tagħhom skont il-ligi. Issa jekk tali prova hijiex rilevanti o meno u dan għal fini biex tiġi mistħarrġa il-kredibilita ta' xhud fit-termini ta'l-artiklu 637 tal-Kodici Kriminali, liema xhud huwa determinanti għall-eżitu tal-każ, jew għal xi raġuni ohra, għandu jiġi determinat mill-Imħallef togat matul iċ-ċelebrazzjoni

[40] Ir-Repubblika ta' Malta vs Louis sive Lewis Bartolo – App.Sup. deciza 02/11/1981

tal-ġuri b'dan illi l-ġurati jigu ggwidati kif għandhom iqiesu tali prova. Il-Qorti, għalhekk tordna minn issa stess lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jippreżenta lista tal-kawżi preżenti u/jew passati quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' Vincent Muscat u dan fi żmien ġimgħa minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, liema lista madanakollu ma għandiex tkun murija lil ġurija ħlief jekk l-akkużat jidhirlu illi għandu jimxi skont dak dispost fl-artikolu 459A[41] hawn fuq indikat, b'dan , iżda jekk dan isir il-Prosekuzzjoni tkun tista' tressaq il-provi quddiem il-ġurija dwar il-karattru u antecedenti tal-akkużat ukoll fit-termini tad-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq iċċitata.

**6.**Illi l-Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni ukoll illi r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jippreżentaw diversi traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' George Degiorgio, Alfred Degiorgio, u Yorgen Fenech li ingħataw din id-darba fi proċeduri ċivili billi dawn ix-xhieda huma meqjusa bħala ko-akkużati. Illi għal din l-oġġezzjoni ventilata mill-Avukat Ġenerali japplikaw l-istess prinċipji ta' dritt u konsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq dwar l-ammissibilta' ta' dawn ix-xhieda ndikati mid-difiża, u kwindi din l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali qed tkun milqugħa fir-rigward ta' traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' George Degiorgio u Yorgen Fenech. Illi l-Qorti tqies illi lanqas ma għandhom jkunu eżebiti xi traskrizzjonijiet ta' xiehda li talvolta ingħataw mix-xhud Alfred Degiorgio fi proċeduri ċivili billi fl-istess dokumenti jista' jkun hemm referenza għall-anteċedenti penali tal-akkużat George Degiorgio u/jew għal passat refrattarju tiegħu, b'mod speċjali l-involviment tiegħu fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Kwindi dan ix-xhud, għall-għan indikat mid-difiża, qed jiġi iddikjarat inammissibbli.

[41]L-imputat li jitla' jixhed m'għandux jiġi mistoqsi, u jekk jiġi mistoqsi ma jkunx meħtieġ li jwieġeb, xi mistoqsija li x'aktarx turi li huwa jkun ikkommetta, jew instab ħati, jew ikun ġie akkużat b'xi reat ħlief dak ir-reat li jkun qed jiġi akkużat dwaru, jew li jkollu karattru ħażin, għajr meta ... (b) huwa jkun personalment jew permezz tal-avukat tiegħu staqsa mistoqsijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni bil-għan li jistabbilixxi l-karattru tajjeb tiegħu, jew ikun ta xiehda tal-karattru tajjeb tiegħu, jew ix-xorta jew l-andament tad-difiża jkunu tali li jinvolvu akkużi dwar il-karattru tal-prosekutur jew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, jew il-vittma l-mejta tad-delitt allegat;

7.Finalment l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi l-inammissibilita tas-segwenti xhieda ndikati mill-akkużat Robert Agius:

i. Rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija biex jippreżenta filmat tal-konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-24 ta' Frar 2021.
ii. Rappreżentant tal-media house "Wondery" sabiex jippreżenta l-episodji kollha tal-produzzjoni "Who Killed Daphne".
iii. Stephen Grey sabiex jixhed dwar il-fatti minnu magħrufa b'relazzjoni mal-akkużi illi qiegħed jaffaċċja l-akkużat.
iv. Il-ġurnalist ta' Times of Malta Matthew Xuereb sabiex jixhed dwar l-artikolu tiegħu ppubblikat f' "The Sunday Times" ta' nhar l-14 ta' Awwissu 2022 intitolat "I will not discuss individual cases'" u jippreżenta kopja tal-istess artikolu.

Joġġezzjona l-Avukat Ġenerali għal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda mhux biss għaliex l-akkużat Agius ma jindikax l-oġġett tal-prova li trid issir b'din l-evidenza, iżda ukoll għaliex din l-evidenza li l-akkużat qed ifittex illil jagħmel tikkonsisti f'"*artikli medjatiċi u produzzjonijiet televiżivi/tejatrali li jirriflettu esklussivament l-opinjonijiet ta' min kitibhom jew produċihom u għaldaqstant huma inammissibbli*."

Illi jibda biex jingħad illi x-xhieda jistgħu jixhdu limitatament fuq fatti magħrufa lilhom u ma jistgħux jesprimu ebda fehma u/jew opinjoni kif diġa' ingħad, kif lanqas jistgħu jkunu obbligati jixhdu dwar informazzjoni privileġġjata jew dwar is-sorsi minn fejn inġiebet din l-informazzjoni. Illi allura ebda artikolu f'gażżetta, produzzjonijiet televiżivi u/jew tejatrali kif ukoll konferenzi magħmula għall-istampa ma jistgħu isibu posthom f'awla tal-provi imsejsa fuq fatti u xejn iżjed, u dan diment illi x-xhieda ma jixhdux dwar fatti magħrufa lilhom. Kwindi dawn ix-xhieda tad-Difiża li l-Avukat Ġenerali jindika f'din l-oġġezzjoni tiegħu jistgħu jinġiebu biex jixhdu limitatament fuq fatti magħrufa lilhom u xejn iżjed. Għaldaqstant għalkemm ix-xhieda Stephen Grey u Matthew Xuereb jistgħu jkunu ammessi bħala

xhieda limitatament biex jixhdu fuq fatti lilhom magħrufa, madanakollu l-Qorti tiddikjara ir-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-*media house "Wondery"* bil-għan illi jeżebixxi produzzjoni televiżivi u/jew konferenzi għall-istampa bħala prova inammissibbli.

**Nota ta'l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-lista tax-xhieda ta' Jamie Vella**.[42]

Illi permezz ta' nota datata l-14 ta' Novembru 2022, l-Avukat Ġenerali ta avviż tal-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' elenku ta' xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat Jamie Vella u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**1**.Illi ukoll fil-każ tal-akkużat Jamie Vella, l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għal produzzjoni tas-segwenti xhieda li fil-fehma tiegħu huma inammissibbli:

i. Johann Cremona sabiex jixhed dwar il-fatti illi bihom qiegħed jiġi akkużat Jamie Vella.
ii. Il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa sabiex jixhed dwar dikjarazzjonijiet minnu magħmula b'relazzjoni mal-akkużi illi qiegħed jiffaċċja l-akkużat Jamie Vella.
iii. Anca Adelina Pop sabiex tixhed dwar il-fatti illi bihom qed jiġi akkużat Jamie Vella.
iv. Rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed dwar liċenzji tan-nar u liċenzji sabiex iżomm u/jew jimmanifattura splussiv illi kellu id-defunt Kevin Falzon.
v. Rappreżentant tal-Human Resources Section tal-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed dwar il-perijodu illi fih kien iservi bħala pulizija d-defunt Kevin Falzon.
vi. L-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo sabiex jixhed dwar l-investigazzjoni magħmula rigwardanti l-omiċidju ta' PC Mark

[42] Fol.222 tal-atti

Farrugia u t-terminazzjoni tal-impjieg minn mal-korp tal-pulizija tad-defunt Kevin Falzon.

vii. Kull xhud premessibbli mil-Liġi u mhux magħruf f'dan l-istadju, u jew persuni oħrajn li jistgħu jkunu ammissibbli bħala xhieda fl-istadju tal-ġuri.

Illi ix-xhieda indikati f'dan l-elenku bin-numri 'i' sa 'vi' huma l-istess xhieda li l-Avukat Ġenerali isib oġġeżżjoni għalihom fir-rigward tal-akkużat Robert Agius. Kwindi il-Qorti a skans ta' repetizzjoni japplikaw fil-konfront tagħhom l-istess konsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq.

Illi fir-rigward tal-inammissibbilita' tax-xhieda indikati fin-numru 'vii', l-Qorti tqies illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din l-eċċezzjoni minnu ventilata. Illi dawn huma xhieda ipotetiċi li għadhom mhux magħrufa lill-akkużat. Kwindi mhuwiex f'posizzjoni jindikahom fil-Lista tax-Xhieda tiegħu kif hemm stipulat fl-artikolu 438(2)(ii) tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa b'dan illi jekk id-difiża tkun trid tressaq xi xhud li ma kienx magħruf għaliha qabel ma kienet ippreżentata n-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu fit-terminu preskritt bil-liġi, huwa għandu iressaq talba *ad hoc* u l-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ammissjoni ta'l-istess fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fit-termini ta'l-artikolu 440(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali. Bil-Qorti dejjem jibqalha id-diskrezzjoni illi "jekk matul il-kawża jinstab li hu meħtieġ jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, .... *tista' ex officio* tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota."

<u>**2**</u>**.**Illi għar-rigward tal-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tax-xhud indikat bl-ittra "b" fil-Lista tax-Xhieda tal-akkużat Vella, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tal-akkużat Robert Agius u dan dwar il-ħatra ta' espert bil-għan illi jagħmel traskrizzjonijiet tal-istqarrijiet awdjo-viżwali tax-xhud Vincent Muscat li għalihom jagħmel referenza l-ispettur Kurt Zahra fid-deposizzjoni tiegħu tal-04 ta' Mejju 2021. Kif ingħad

din il-kwistjoni kienet sorvolata u dan għaliex b'ordni ta' din il-Qorti illum dawn l-istqarrijiet jinsabu eżebiti in atti flimkien mat-traskrizzjonijiet ta'l-istess.

**3.**L-Avukat Ġenerali jikkontesta l-ammissibbilita' tax-xhud Avukat Arthur Azzopardi ndikat mill-akkużat Jamie Vella u dan referribbilment għax-xiehda u informazzjoni mogħtja mill-ex klijent tiegħu Vincent Muscat lil Pulizija eżekuttiva liema informazzjoni "taqa' fl-ambitu ta' pariri/konsulenza legali li huma vinkolanti bil-prinċipju tas-sigriet professjonali." Illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din l-oġġezzjoni minnu ventilata u dan stante illi dan ix-xhud ma jistax jiddeponi fir-rigward ta' informazzjoni privileġġjata bejn avukat u il-klijent tiegħu diment li l-Qorti ma tqiesx illi dan huwa meħtieġ għat-tikxif tal-verita'. Għal dawn il-motivi għalhekk dan ix-xhud għandu jitqies ammissibbli limitatament sabiex jixhed dwar fatti li jistgħu jkunu magħrufa lilu li, iżda, jaqgħu lil hinn mill-informazzjoni privileġġjata miksuba minn għand il-klijent tiegħu u dan diment li huwa ma jkunx eżentat mis-sigriet professjonali.

**4**.Illi l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ukoll fir-rigward tal-eċċezzjoni mqanqla mill-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-ammissibbilita' tax-xhieda George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Yorgen Fenech, u a skans ta' repetizzjoni l-Qorti terġa' ttenni illi George Degiorgio u Yorgen Fenech huma f'dan l-istadju xhieda inammissibbli, bl-akkużat Alfred Degiorgio jitqies bħala xhud ammissibbli diment li huwa ma jiddeponiex fuq fatti li jistgħu jirreferu għall-anteċedenti penali ta' ħuh George Degiorgio, u diment ukoll illi huwa jagħżel li jiddeponi fil-konfront ta' ħuh l-akkużat George Degiorgio. L-istess konsiderazzjoni tapplika għall-inammissibbilta' tax-xhud indikat bin-numru "j" fil-Lista tax-xhieda[43] ta'l-akkużat Vella bħal dawk indikati iktar 'il fuq in konnessjoni mal-produzzjoni ta' dan ix-xhud mill-akkużat Robert Agius.

[43] Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jippreżentaw diversi traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Yorgen Fenech.

5.Illi finalment fir-rigward is-sewgenti xhieda indikati mill-akkużat Jamie Vella, japplikaw ukoll l-istess konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward ta' dawn ix-xhieda li l-Avukat Ġenerali ukoll qies li huma inammissibbli fil-Lista tax-Xhieda ta' Robert Agius, u ċioe':

a. L-Avukat Ġenerali Dr. Victoria Buttigieg biex tixhed dwar il-proklama ta' Vincent Muscat.
b. Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali biex jippreżenta it-traskrizzjonijiet ta' xiehda mogħtija minn Vincent Muscat f'diversi proċeduri kriminali u ukoll sabiex jippreżenta lista tal-kawżi kriminali passati u preżenti ntavolati kontra dan ix-xhud.
c. Rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija biex jippreżenta filmat tal-konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-24 ta' Frar 2021.
d. Rappreżentant tal-media house "*Wondery*" sabiex jippreżenta l-episodji kollha tal-produzzjoni "*Who Killed Daphne*".
e. Stephen Grey sabiex jixhed dwar il-fatti minn magħrufa b'relazzjoni mal-akkużi illi qiegħed jaffaċċja l-akkużat.
f. Il-ġurnalist ta' Times of Malta Matthew Xuereb sabiex jixhed dwar l-artikolu tiegħu ppubblikat f' "*The Sunday Times*" ta' nhar l-14 ta' Awwissu 2022 intitolat "*I will not discuss individual cases*'" u jippreżenta kopja tal-istess artikolu.

**Nota ta'l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-lista tax-xhieda ta' l-akkużat George Degiorgio**.[44]

Illi permezz ta' nota datata d-09 ta' Jannar 2023, l-Avukat Ġenerali ta avviż tal-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' elenku ta' xhieda u ta' dokumenti indikati mill-akkużat George Degiorgio u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

[44] Fol.249 tal-atti

Iqies inammissibbli l-Avukat Ġenerali s-segwenti x-xhieda ndikati mill-akkużat George Degiorgio fil-Lista tax-Xhieda annessa man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet, u ċioe', l-Avukat Arthur Azzopardi, Alfred Degiorgio u l-indikazzjoni b'mod ġenerika għal kwalunkwe xhud permissibbli mill-liġi u mhux magħrufa lill-akkużat f'dan l-istadju.

Illi għal l-oġġezzjoni ventilata fil-konfront tal-imsemmija xhieda japplikaw l-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula mill-Qorti. Illi allura l-avukat Arthur Azzopardi ma jistax jiddeponi diment li huwa ma jkunx rilaxxat mis-sigriet professjonali u jista' jixhed biss fuq fatti minnu magħrufa. Alfred Degiorgio jitqies bħala xhud ammissibbli diment li huwa ma jiddeponiex fuq fatti li jistgħu jirreferu għall-anteċedenti penali ta' ħuh George Degiorgio, u diment ukoll illi huwa jagħżel li jiddeponi fil-konfront ta' ħuh. Finalment, kif diġa' ingħad rigward l-inammissibbilta' tal-indikazzjoni b'mod ġenerika għal kull xhud permissibbli mill-liġi, anke jekk mhuwiex magħruf sa issa lill-akkużat, din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa b'dan illi jekk id-difiża tkun trid tressaq xi xhud li ma kienx magħruf għaliha qabel ma kienet ippreżentata n-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu fit-terminu preskritt bil-liġi, huwa għandu jressaq talba *ad hoc* u l-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ammissjoni ta'l-istess fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fit-termini ta'l-artikolu 440(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali. Bil-Qorti dejjem jibqalha id-diskrezzjoni illi "jekk matul il-kawża jinstab li hu meħtieġ jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, .... *tista' ex officio* tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota," fit-termini tas-sub-inċiż (5) ta' din id-disposizzjoni tal-liġi.

Illi l-Qorti b'hekk iddisponiet mill-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużati u mill-Avukat Ġenerali sal-lum.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat Adrian Agius li jġibu n-numri tlieta(3), erbgħa(4), ħamsa(5), sitta(6), sebgħa(7), tmienja(8), disgħa(9), għaxra(10), tnax(12) u tlettax(13).**

**2. Tiċħad l-eċċezzjonijet ta'l-akkużat Robert Agius li jġibu n-numri tlieta(3), erbgħa(4), ħamsa(5), sitta(6), tmienja(8), disgħa(9), ħdax(11), tnax(12), tlettax(13) u erbatax(14).**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijet ta'l-akkużat Jamie Vella li jġibu n-numri tlieta(3), erbgħa(4), ħamsa(5), sitta(6), tmienja(8), disgħa(9), ħdax(11), tnax(12), tlettax(13) u erbatax(14).**

**4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat George Degiorgio bin-numri wieħed(1), tlieta(3) u erbgħa(4) b'dan illi fl-indirizz finali l-ġurati għandhom jkunu ggwidati dwar ir-regoli tal-evidenza u il-piż li għandha tingħata lill-istess.**

**5. Tilqa' parzjalment l-ewwel(1) eċċezzjoni ta'l-akkużati Adrian Agius u Robert Agius, kif ukoll it-tieni eċċezzjoni ta'l-akkużat Jamie Vella, b'dan għalhekk illi tordna li l-laqam"Tal-Maksar" għandu jitħassar minn kull kap ta'l-Att ta'l-Akkuża kull fejn jirrikorri, iżda tiċħad l-eċċezzjoni fejn kien mitlub illi dan il-laqam jitħassar ukoll fl-atti tal-kumpilazzjoni kull fejn jirrikorri, b'dan madanakollu illi jekk il-ġurati jiġu mgħoddija kopja ta' dokumenti jew xiehda mill-atti tal-kumpilazzjoni, kull referenza għal laqam għandha tiġi imħassar preventivament.**

**6. Tilqa' parzjalment it-tieni(2) eċċezzjoni ventilata mill-akkużati Adrian Agius u Robert Agius fis-sens illi kwalunkwe referenza għas-sentenzi passati kemm fil-parti narrattiva, kif ukoll fil-parti akkużatorja, abbinat ma'l-indikazzjoni għall-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati, ħlief wara li jingħata il-verdett u biss f'każ li dan ikun wieħed ta' ħtija, meta imbagħad ikun ikkunsidrat l-addebitu tar-reċidiva.**

**7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-akkużat Adrian Agius bin-numru (11), l-eċċezzjoni tal-akkużati Robert Agius u Jamie Vella li jġibu n-numru sebgħa(7), u l-eċċezzjoni numru tnejn(2) tal-akkużat**

**Ġeorge Degiorgio u dan stante illi l-mertu ta'l-istess kien eżawriet bid-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Frar 2023.**

8. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni numru 14 ta'l-akkużat Adrian Agius u tal-eċċezzjoni bin-numru għaxra(10) tal-akkużati Robert Agius u Jamie Vella, b'dan illi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jgħaddi kopja lill-akkużati kollha, lil Prosekuzzjoni, kif ukoll lid-difensuri tal-parte civile tad-Dokumenti eżebiti a fols. 887[45], 928[46], u 937[47] tal-proċess verbal dwar l-omiċidju ta'l-Avukat Carmel Chircop, u kopja tal-filmati kollha miġbura u eżebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Martin Bajada eżebit a fol. 990 et. seq. tal-imsemmi proċess verbal.**
9. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet ta'l-Avukat Ġenerali limitatament fir-rigward tax-xhieda George Degiorgio; Yorgen Fenech, dan ta'l-aħħar diment li l-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu ma jkunux għaddew in ġudikat; l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ; Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għall-għan indikat mill-akkużati; Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeżebixxi kopja tal-konferenza stampa li ngħatat fl-24 ta' Frar 2021; u rappreżentant tal-*media house "Wondery"* sabiex jeżebixxi kopja tal-produzzjoni "*Who killed Daphne*".**
10. **Tiċħad l-eċċezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali rigward ix-xhieda ndikati mill-akkużati, Johann Cremona; Kummissarju tal-Pulizija; Anca Adelina Pop diment illi l-oġġett tal-prova li trid tagħmel id-difiża fir-rigward ta' din ix-xhud ma jaqax taħt il-projbizzjoni ndikata fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali; Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed dwar liċenzji tan-nar u liċenzji sabiex iżomm u/jew jimmanifattura splussiv illi kellu id-defunt Kevin Falzon; Rappreżentant tal-Human Resources Section tal-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed dwar il-perijodu illi fih kien iservi bħala pulizija d-defunt Kevin Falzon; l-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo sabiex jixhed dwar l-investigazzjoni magħmula rigwardanti l-omiċidju ta' PC Mark Farrugia u t-terminazzjoni tal-impjieg minn mal-korp tal-pulizija tad-defunt**

[45] CD kontenenti data telefonika redatta mis-soċjeta Melita plc.
[46] Faxxikolu ta' fotografija eżebit is-SOCO PS186 Kristian Mintoff
[47] Relazzjoni ta' PS404 Paul Camilleri

Kevin Falzon; Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex jeżebixxi kopja ta' traskrizzjonijiet ta' xiehda mogħtija mix-xhieda Vincent Muscat u Melvin Theuma f'diversi kawżi kriminali pendenti kontra terzi, u sabiex jippreżenta lista tal-kawżi kriminali pendenti u ukoll dawk deċiżi fil-konfront ta' Vincent Muscat; Stephen Grey u Matthew Xuereb limitament biex jixhdu fuq fatti lilhom magħrufa marbuta mal-każ; l-Avukat Arthur Azzopardi limitatament sabiex jixhed dwar fatti li jistgħu jkunu magħrufa lilu li, iżda, jaqgħu lil hinn mill-informazzjoni privileġġjata miksuba minn għand il-klijent tiegħu u dan diment li huwa ma jkunx eżentat mis-sigriet professjonali; u finalment ix-xhud Alfred Degiorgio, limitatament fis-sens hawn fuq deċiż, u ċioe' diment illi x-xhud ma jagħmilx referenza għal passat refrattarju jew anteċedenti penali tal-akkużat George Degiorgio, u diment illi huwa jagħżel li jiddeponi f'dawn il-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront ta' ħuh l-akkużat George Degiorgio.

11. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni marbuta mal-inammissibbilita' tal-ħatra ta' espert bil-għan illi jagħmel traskrizzjonijiet tal-istqarrijiet awdjo-viżwali tax-xhud Vincent Muscat li għalihom jagħmel referenza l-ispettur Kurt Zahra fid-deposizzjoni tiegħu tal-04 ta' Mejju 2021, billi din il-kwistjoni kienet sorvolata u dan għaliex b'ordni ta' din il-Qorti, kif diġa' ingħad aktar 'il fuq, illum dawn l-istqarrijiet jinsabu eżebiti in atti flimkien mat-traskrizzjonijiet ta'l-istess.

B'dan madanakollu, illi fi stadju opportun, il-Qorti ser tindirizza lil ġurati u twissiehom fuq il-valur probatorju tal-evidenza u l-piż li għandha tingħata lill-istess fid-deliberazzjoni finali qabel ma jasslu għal verdett tagħhom. Illi l-Qorti għalhekk tidderiġi lill-partijiet jikkonformaw rwieħhom ma' din is-sentenza fil-produzjoni tal-evidenza, b'dan illi fl-ebda mument matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandha issir referenza għal anteċedenti penali tal-akkużati ħlief jekk jikkonkorru ċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikoli 459A u 489 tal-Kodiċi Kriminali.

**Tordna lill-akkużati Robert Agius u Jamie Vella sabiex fi żmien ġimgħa minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jindikaw permezz ta' nota minn liema proċeduri kriminali huma jenħtieġu kopja tad-deposizzjonijiet mogħtija mix-xhieda Vincent Muscat u Melvin Theuma, b'notifika lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li għandu jeżebixxi kopja ta' din ix-xiehda fl-atti tal-kawża qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex fi żmien ġimgħa minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jeżebixxi permezz ta' nota lista tal-kawżi li Vincent Muscat għandu pendenti u/jew deċiżi quddiem il-qrati ta' kompetenza penali.**

**Tiddifferixxi l-kawża *"sine die"*, sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jistgħu iressqu l-partijiet skont il-liġi.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**